



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12551/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0295(NLE)

FIN 931
RESPR 27
CADREFIN 139
POLGEN 122

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 485 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 485 final.

Mehmuż: COM(2022) 485 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.9.2022
COM(2022) 485 final

2022/0295 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-
dritt fl-Ungerija**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- (1) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni¹ ("ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità") jipprevedi, fl-Artikolu 4(1) tiegħu, li "għandhom jittieħdu miżuri xierqa fejn ikun stabbilit skont l-Artikolu 6 li ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fi Stat Membru jaffettwa jew jirriskja serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod suffiċjentement dirett."
- (2) L-Artikolu 6(1) dwar ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità jipprevedi li "meta l-Kummissjoni tqis li għandha raġunijiet validi biex tqis li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 huma ssodisfati, hija għandha, sakemm ma tqisx li proċeduri oħra stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni jippermettulha tippoteġi l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv, tibgħat notifika bil-miktub lill-Istat Membru kkonċernat, fejn tistabbilixxi l-elementi fattwali u r-raġunijiet speċifiċi li fuqhom huma bbażati s-sejbiet tagħha."
- (3) Skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, "Meta l-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 4 huma ssodisfati u li l-miżuri ta' rimedju, jekk ikun hemm, proposti mill-Istat Membru skont il-paragrafu 5, ma jindirizzawx adegwament is-sejbiet fin-notifika tal-Kummissjoni, hija għandha tippreżenta proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar il-miżuri xierqa lill-Kunsill fi żmien xahar minn meta tirċievi l-kummenti tal-Istat Membru jew, f'każ li ma jsir ebda kumment, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar mill-iskadenza stabbilita."
- (4) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni baġtet talba għal informazzjoni ("Talba għal informazzjoni") lill-Ungerija skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità u l-awtoritajiet Ungeriżi wiegħbu għaliha fis-27 ta' Jannar 2022.
- (5) Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni baġtet notifika bil-miktub skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità (in-"notifika") lill-Ungerija. In-notifika ppreżentat is-sejbiet tal-Kummissjoni rigward għadd ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sistema tal-akkwist pubbliku fl-Ungerija, inklużi irregolaritajiet sistemiċi, nuqqasijiet u dgħufijiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku; rata għolja ta' proċeduri ta' offerti uniċi u intensità baxxa ta' kompetizzjoni fil-proċeduri ta' akkwist; kwistjonijiet relatati mal-użu tal-ftehimiet qafas; kwistjonijiet fl-identifikazzjoni, fil-prevenzjoni u fil-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess; tħassib relatat mal-użu tal-fondi tal-Unjoni minn trusts ta' interess pubbliku. Dawn il-kwistjonijiet u r-rikorrenza tagħhom maż-żmien juru inabbiltà sistemika, nuqqas jew nuqqas ta' rieda, min-naħa tal-awtoritajiet Ungeriżi, li jipprevjenu deċiżjonijiet li jiksru l-liġi applikabbli, fir-rigward tal-akkwist pubbliku u l-kunflitti ta' interess, u b'hekk li jindirizzaw ir-riskji ta' korruzzjoni kif xieraq. Dan il-ksur jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-Istat tad-dritt, b'mod partikolari tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi u jqajjem tħassib dwar is-separazzjoni tas-setgħat. Barra minn hekk, in-notifika ppreżentat sejbiet rigward l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, u l-qafas kontra l-korruzzjoni: hemm kwistjonijiet

¹ ĠU L 433I 22.12.2020, p. 1.

addizzjonali fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' allegazzjonijiet ta' attività kriminali, l-organizzazzjoni tas-servizzi ta' prosekuzzjoni, u n-nuqqas ta' qafas effettiv u li jiffunzjona kontra l-korruzzjoni. Dawn il-kwistjonijiet jikkostitwixxu wkoll ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċertezza legali, il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi u l-protezzjoni għudizzjarja effettiva. Kif inhu speċifikat fin-notifika, dan il-ksur jaffettwa jew jirriskja serjament li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u li ma jistgħux jiġu protetti b'mod aktar effettiv minn proċeduri oħra stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni għajr mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità. Permezz tan-notifika, il-Kummissjoni talbet ukoll lill-Ungerija tipprovdi ċerta informazzjoni u *data* dwar l-elementi fattwali u r-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażat is-sejbiet tagħha fit-tweġiba għat-Talba għal informazzjoni. Saru wkoll mistoqsijiet fir-rigward ta' kwistjonijiet potenzjalment relatati li jikkonċernaw l-indipendenza tal-ġudikatura. Fin-notifika l-Kummissjoni tat xahrejn lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

- (6) Fis-27 ta' Ġunju 2022, l-Ungerija wiegħbet għan-notifika (l-“ewwel tweġiba”). Permezz tal-ittri tat-30 ta' Ġunju u tal-5 ta' Lulju 2022, il-Ministru tal-Ġustizzja Ungeriż ippreżenta aktar informazzjoni biex jikkomplementa l-ewwel tweġiba. Barra minn hekk, fid-19 ta' Lulju 2022, l-Ungerija bagħtet ittra addizzjonali li tippromponi għadd ta' miżuri ta' rimedju biex tindirizza s-sejbiet fin-notifika, li minħabba li għet ippreżentata fi stadju daqstant tard tal-proċess, f'it qabel ma l-Kummissjoni keient se tadotta l-pass li jmiss tal-proċedura, ma setgħux jitqiesu għall-valutazzjoni tal-ewwel tweġiba. Il-Kummissjoni qieset l-elementi rilevanti kollha f'dawk l-ittri addizzjonali matul l-istadju sussegwenti tal-proċedura prevista mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali mal-Istati Membri.
- (7) Il-Kummissjoni qieset li l-ewwel tweġiba u l-ittri addizzjonali mibgħuta fit-30 ta' Ġunju u fil-5 ta' Lulju 2022 ma kienx fihom miżuri ta' rimedju adegwati b'impenn xieraq biżżejjed fil-kuntest tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 6(7) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, fl-20 ta' Lulju 2022 il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-Ungerija (l-“ittra ta' intenzjoni”) biex tinforma lil dak l-Istat Membru dwar il-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 6(6) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità u dwar il-miżuri li pprevediet li tippromponi għall-adozzjoni mill-Kunsill, skont l-Artikolu 6(9) ta' dak ir-Regolament, fin-nuqqas ta' miżuri ta' rimedju adegwati. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 6(7) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, l-Ungerija għet mistiedna tipprezentata l-kummenti tagħha, b'mod partikolari dwar il-proporzjonalità tal-miżuri previsti, fi żmien xahar.
- (9) L-Ungerija wiegħbet għall-ittra ta' intenzjoni fit-22 ta' Awwissu 2022 (it-“tieni tweġiba”), fi żmien l-iskadenza ta' xahar prevista fl-Artikolu 6(7) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità.
- (10) Fit-tieni tweġiba tagħha, l-Ungerija tenniet l-argumenti li għamlet fl-ewwel tweġiba tagħha, u esprimiet kritika dwar il-mod kif tmexxiet il-proċedura. Ikkontestat il-proporzjonalità tal-miżuri previsti fl-ittra ta' intenzjoni. Fl-istess waqt l-Ungerija ppreżentat sbatax-il miżura ta' rimedju. Din il-preżentazzjoni segwiet diskussjonijiet tekniċi, li saru fil-livell tas-servizzi, bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ungeriżi, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera mal-Istati Membri. Fit-13 ta'

Settembru 2022, l-Ungerija bagħtet ittra lill-Kummissjoni li kienet tinkludi kjarifika u impenji ulterjuri skont il-miżuri ta' rimedju proposti (l-“ittra ta' Settembru”).

2. KWISTJONIJIET INDIKATTIVI TA' KSUR TAL-PRINĊIPJI TAL-ISTAT TAD-DRITT

2.1. Irregolaritajiet sistemiċi, nuqqasijiet u dgħufijiet fl-akkwist pubbliku

2.1.1. Is-sejbiet tal-Kummissjoni

- (11) Fin-notifika tal-Kummissjoni hija sabet li hemm irregolaritajiet, nuqqasijiet u dgħufijiet sistemiċi fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku fl-Ungerija u dan ikkonfermatu fl-ittra ta' intenzjoni. Tali irregolaritajiet instabu wara awditi konsekuttivi tas-servizzi tal-Kummissjoni li saru kemm fir-rigward tal-perjodi ta' programmazzjoni ta' bejn l-2007 u l-2013 u ta' bejn l-2014 u l-2020, kif ukoll għal diversi investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) li wasslu għal rakkomandazzjonijiet finanzjarji marbuta mal-irkupru ta' ammonti sinifikanti. Fuq il-bażi tan-natura sistemika tal-irregolaritajiet, ir-rikorrenza tagħhom maż-żmien u d-daqs tal-korrezzjonijiet finanzjarji li ġew deċiżi, fost affarijiet oħra, il-Kummissjoni sabet li kellha bażi raġonevoli biex tqis li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità ġew issodisfati.
- (12) Barra minn hekk, id-*data* disponibbli tindika li kien hemm perċentwali oġġla mis-soltu ta' kuntratti mogħtija wara proċeduri ta' akkwist pubbliku li fihom ipparteċipa offerent wieħed biss; l-ġħoti ta' kuntratti lil kumpaniji speċifiċi, li gradwalment qed jiksibu partijiet kbar mis-suq; kif ukoll nuqqasijiet serji fl-ġħoti ta' ftehimiet qafas. Il-Kummissjoni qieset dawn l-elementi bħala indikaturi ta' riskju ċar għat-trasparenza u l-kompetizzjoni ta' detriment għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni użati fil-proċeduri rilevanti, kif ukoll indikatur, f'ċerti ċirkostanzi, ta' riskju akbar ta' korruzzjoni u kunflitt ta' interess.
- (13) Barra minn hekk, il-Kummissjoni rreferiet għal nuqqasijiet serji identifikati mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku f'ċerti ftehimiet qafas u sabet li kien hemm tħassib serju dwar il-ftehimiet qafas tal-futur.

2.1.2. Kummenti ppreżentati mill-Ungerija

- (14) L-Ungerija pprovdiet deskrizzjoni tal-leġislazzjoni u l-prattika tagħha fir-rigward tal-akkwist pubbliku. L-Ungerija indikat li, fil-fehma tagħha, is-sistema tal-akkwist pubbliku tagħha hija kemm operazzjonali kif ukoll konformi mad-direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar l-akkwist pubbliku. F'dan ir-rigward, l-Ungerija rreferiet għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Att CXLIII tal-2015 dwar l-akkwist pubbliku, kif emendat wara l-awditi tas-servizzi tal-Kummissjoni u għal għadd ta' elementi ta' din is-sistema ta' akkwist pubbliku, kif ukoll għal azzjonijiet li ħadu f'dawn l-aħħar snin biex jippromwovu l-kompetizzjoni u jżidu t-trasparenza². Fuq il-bażi ta' dan l-Ungerija argumentat li l-prattika tal-akkwist pubbliku fl-Ungerija kienet se tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea f'dak li għandi x'jaqsam mal-prevenzjoni u u l-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku.

² L-Ungerija rreferiet għal (i) l-emenda tal-Att dwar l-Akkwist Pubbliku bl-Att Nru LXXXIII tal-2018 li jabolixxi l-limitazzjoni preċedenti tas-sottokuntrattar, (ii) iż-żieda tal-persunal tad-DPPC u l-operat ta' sistema ta' taħriġ intern, (iii) it-titjib tal-proċeduri interni u l-prattiki ta' kontroll tad-DPPC u l-ħruġ ta' nota ta' gwida għall-prattikanti fl-awtoritajiet kontraenti, (iv) ir-rieżami tar-regoli li jirregolaw l-użu tal-assistenza minn ċerti fondi tal-Unjoni.

- (15) Fir-rigward tal-irregolaritajiet imsemmija mill-Kummissjoni, l-Ungerija argumentat li l-korrezzjonijiet finanzjarji rilevanti kienu marbuta parzjalment ma' dgħufijiet fl-akkwist pubbliku biss u li d-dgħufijiet identifikati matul l-awditi ma kinux ta' natura sistemika u li ma wasslux għal interruzzjoni jew sospensjoni tal-pagamenti.
- (16) Barra minn hekk, l-Ungerija argumentat li minħabba li r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità japplika biss mill-1 ta' Jannar 2021, l-irregolaritajiet allegati identifikati qabel dik id-data ma jistgħux jiġu attribwiti għal ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt skont dak ir-Regolament. L-Ungerija argumentat ukoll li biex jiġi stabbilit li n-nuqqasijiet sistemiċi u l-irregolaritajiet identifikati matul l-awditi tas-servizzi tal-Kummissjoni jikkostitwixxu ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fis-sens tal-Artikolu 2(a) flimkien mal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, irid jiġi stabbilit ukoll li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet jew tal-korpi kkonċernati ma jistgħux ikunu soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju effettiv³.
- (17) Skont l-Ungerija, il-fatt li s-sehem tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta uniċi għall-fondi tal-Unjoni huwa aktar baxx minn dak għall-fondi nazzjonali juri li s-sistema ta' kontroll tal-Ungerija fil-kuntest tal-fondi tal-Unjoni hija kapaċi tiġġieled b'mod effettiv il-fatturi li jwasslu għal kompetizzjoni limitata fl-akkwist pubbliku.
- (18) L-Ungerija tikkontesta wkoll il-veraċità u l-affidabbiltà tal-metodoloġija u d-data sottostanti li tinsab fl-istudji dwar l-intensità tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku u l-konċentrazzjoni ta' għotjiet lil għadd żgħir ta' kumpaniji msemmija mill-Kummissjoni fl-ittra ta' notifika⁴ u ta' intenzjoni.
- (19) Fir-rigward tal-ftehimiet qafas, l-Ungerija argumentat li l-livell ta' kompetizzjoni garantit huwa għoli. Il-proċedura tal-offerti għall-għoti effettiv tal-kuntratt ssir f'żewġ stadji: l-ewwel nett, l-offerenti jikkompetu għad-dritt li jieħdu sehem fil-ftehim qafas u mbagħad, jekk jingħataw kuntratti speċifiċi wara l-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni, il-kompetizzjoni tas-suq terġa' tidħol fis-seħħ bejn l-operaturi ekonomiċi. Skont l-Ungerija, ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fil-livell tal-gvern ċentrali, li tirrikjedi li xi ħadd japplika ftehimiet qafas matul il-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali.

2.1.3. *Valutazzjoni tal-Kummissjoni*

- (20) Għalkemm, skont id-data disponibbli, l-Ungerija introduċiet ċerti bidliet fil-leġiżlazzjoni u l-ġestjoni tagħha tas-sistema tal-akkwist pubbliku, dawn il-bidliet ma jidhrux li wasslu għal titjib Prattiku fir-rigward tar-risultat tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku. Minkejja l-azzjonijiet li ttieħdu f'dawn l-aħħar snin, għadha ma nkisbitx biżżejjed trasparenza u ma jistgħux isiru skrutinju estern effettiv u effiċjenti, li huwa wieħed mill-iskopijiet tat-trasparenza.
- (21) Bil-maqlub ta' dak li argumentat l-Ungerija, il-korrezzjonijiet finanzjarji mitluba għall-perjodu 2014-2020 kienu prinċipalment marbuta ma' dgħufijiet sistemiċi fil-ġestjoni tal-akkwisti pubbliċi, billi dan huwa ddokumentat mir-risultati tal-awditi rilevanti li saru. Dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji kienu l-ogħla għal kwalunkwe

³ Skont l-opinjoni tal-Ungerija, dan jirriżulta mill-paragrafu 325 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-“Qorti”) fil-kawża C-157/21.

⁴ *New Trends in Corruption Risk and Intensity of Competition in the Hungarian Public Procurement from January 2005 to April*, Flash Report 2020:1, May 2020; Corruption Research Center Budapest, https://www.crcb.eu/wp-content/uploads/2020/05/2020_hpp_0520_flash_report_1_200526_.pdf.

Stat Membru tal-Unjoni matul dak il-perjodu⁵, fatt li ma ġiex ikkontestat mill-Ungerija. Barra minn hekk, dawn l-awditu kienu relatati wkoll mal-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku. Għalhekk kienu jikkonċernaw kwistjonijiet sistemici⁶. Il-Kummissjoni ma tistax taqbel mal-argument tal-Ungerija li n-nuqqas ta' interruzzjoni jew sospensjoni tal-pagamenti jkun ifisser li l-Kummissjoni ma kkunsidratx il-preżenza ta' nuqqas serju. F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li anki riskju oġġett minn 5 % tal-infiq, l-ewwel korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa stabbilita fir-regolament delegat⁷, jista' jkun marbut ma' nuqqas serju. Nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll mhuwiex definit fuq il-bażi ta' limiti kwantitattivi biss, iżda wkoll u speċifikament f'dan il-każ fir-rigward ta' ksur tar-rekwiżiti ewlenin essenzjali jew taħlita ta' rekwiżiti stabbiliti fir-regoli applikabbli b'effetti sistemiċi potenzjali.

- (22) Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni temporali tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, ksur sistemiku tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li jkun ġie stabbilit qabel l-1 ta' Jannar 2021, ma jkunx ġie rimedjat u jkun rikorrenti u għaddej wara dik id-data, jista' jkun kopert mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, minħabba n-natura sistemika u ripetittiva jew kontinwa tal-ksur, u r-riskju serju kontinwu li dan jirrappreżenta għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni wara l-1 ta' Jannar 2021.
- (23) Il-Kummissjoni ma tistax taqbel mal-argument tal-Ungerija li n-nuqqasijiet u l-irregolaritajiet sistemiċi jistgħu jikkostitwixxu biss ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt skont it-tifsira tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, jekk id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet jew tal-korpi kkonċernati ma jistgħux ikunu soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju effettiv. Joħroġ ċar mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità li kwalunkwe nuqqas sistemiku u irregolarità indikattiva ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt identifikati mill-Kummissjoni huma awtonomi u jistgħu jiġu koperti mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità. Għaldaqstant, l-ebda sitwazzjoni indikattiva ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt ma teħtieġ kondizzjoni addizzjonali li għandha titqies skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità⁸.
- (24) Il-Kummissjoni ma tistax taqbel mal-argument li ġie ppreżentat mill-Ungerija li billi l-għadd tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta uniċi għall-fondi tal-Unjoni jidher li huwa aktar baxx minn dak għall-fondi nazzjonali dan ifisser li s-sistema ta' kontroll tal-Ungerija fil-kuntest tal-fondi tal-Unjoni hija kapaċi tiġġieled b'mod effettiv il-fatturi li jwasslu għal anqas kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. Il-fatt li r-rata ta' offerta uniċi hija aktar baxxa għall-akkwist li jinvolvi fondi tal-Unjoni milli għal akkwist li jinvolvi fondi nazzjonali ma jfissirx *per se* li l-kontrolli fl-akkwist li

⁵ Country Report Hungary 2020 Brussels, 26.2.2020 SWD (2020) 516 final, p. 43, jinsab hawn <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020SC0516>.

⁶ B'mod partikolari l-Awditu REGC214HU0068, iċċitat fin-noti 10 u 13 f'qiegħ il-paġna tan-notifika, kien awditu tas-sistema preventiv bikri.

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5.

⁸ Fil-paragrafu 325 tas-sentenza tagħha fil-Kawża C-157/21, il-Qorti ma żżidx kondizzjoni addizzjonali ma' kwalunkwe tip ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt skont it-tifsira tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, iżda tiċċara elementi tal-kunċett ġenerali tal-istat tad-dritt biss.

jnvolvi l-fondi tal-Unjoni jaħdmu kif suppost. Dan huwa rifless ukoll fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2022, li tikkonferma li dawn il-kwistjonijiet jibqgħu validi għall-futur⁹.

- (25) L-Ungerija ma tat l-ebda prova tat-titjib riċenti fis-sistema tal-akkwist (b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza, l-intensità tal-kompetizzjoni, il-kontrolli tal-kunflitti ta' interess). Id-*data* disponibbli għall-Kummissjoni turi mhux biss żieda fil-konċentrazzjoni ta' għotjiet fl-akkwist pubbliku, iżda wkoll żieda fil-probabbiltà tar-rebħ ta' kumpaniji li jistgħu jitqiesu bħala konnessi politikament ma' atturi tal-partit fil-gvern Ungeriż ("politikament konnessi"). Id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit akkwista Studju li pprovda analiżi empirika statistika ta' aktar minn 270,000 kuntratt ta' akkwist pubbliku Ungeriż bejn l-2005 u l-2021¹¹. L-istudju juri li fil-perjodu bejn l-2005 u l-2010 il-probabbiltà li kumpaniji li jistgħu jitqiesu bħala politikament konnessijin jiksbu kuntratti pubbliċi (kemm nazzjonali kif ukoll iffinanzjati mill-UE) kien bejn 1,5 u 2,1 darbiet ogħla mill-probabbiltà ta' suċċess tal-kumpaniji li mhumie x ikkunsidrati bħala politikament konnessi. Din id-differenza żdiedet b'mod sinifikanti fil-perjodu bejn l-2011 u l-2021. Meta jitqiesu biss il-kuntratti ffinanzjati mill-UE għall-perjodu wara l-2011, il-probabbiltà ta' offerti b'suċċess għal kumpaniji li jistgħu jitqiesu bħala politikament konnessi kienet taqbeż bi 3,3 sa 4,4 darbiet il-probabbiltà b'rabta ma' kumpaniji li mhumie x ikkunsidrati bħala politikament konnessi. Fl-istess perjodu, meta jitqiesu kemm il-kuntratti ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll daw k iffinanzjati mill-UE, il-probabbiltà li kumpaniji li jistgħu jitqiesu bħala politikament konnessi jiksbu kuntratti pubbliċi kienet bejn 2,5 u 3 darbiet ogħla minn daw k għall-kumpaniji li mhumie x ikkunsidrati bħala politikament konnessi. L-istudju jikkonkludi li l-konnessjonijiet politiċi diretti jew indiretti ta' xi kumpaniji li jistgħu jitqiesu bħala politikament konnessi huwa fattur deċiżiv biex iżidu l-probabbiltajiet tagħhom ta' suċċess fil-proċeduri tal-offerti, meta mqabbla ma' kumpaniji li mhumie x ikkunsidrati bħala politikament konnessi, u biex jirċievu valur aggregat ogħla ta' kuntratti li ntrebħu. Barra minn hekk, dan juri li l-effett ikun aktar qawwi aktar ma l-operatur ekonomiku jkun qrib il-partit fil-gvern. F'xi każijiet, fil-perjodu ta' wara l-2011 il-probabbiltà li kumpaniji li jistgħu jitqiesu bħala politikament konnessi jingħataw kuntratti pubbliċi hija stmata sa 130 % ogħla milli dik tal-kumpaniji li mhumie x ikkunsidrati bħala politikament konnessi. Din id-*data* tistabbilixxi xejra ta' tkabbir kostanti u tinkludi s-sena 2021. Il-kummenti ġew

⁹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2022 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija għall-2022, il-paragrafu 30 u r-Rakkomandazzjoni 4, hawnhekk <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9764-2022-INIT/mt/pdf> : "Is-suq tal-akkwist pubbliku jibqa' vulnerabbli għal prattiki antikompetittivi. Il-proporzjon ta' kuntratti mogħtija fi proċeduri fejn kien hemm offerent wieħed biss jibqa' fost l-ogħla fl-Unjoni. [...] Fi Frar 2021, il-gvern stabbilixxa għalih innifsu mira ambizzjuża li jnaqqas il-perċentwal ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda biss għal inqas minn 15 %, *għalkemm mingħajr skeda ta' żmien fissa*" (ir-Rakkomandazzjoni 4 "Titjib tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. enfasi miżjuda").

¹⁰ Ara wkoll Public Procurement Authority (2021), Flash Report: Hungarian Public Procurement in Numbers. F'dawn l-aħħar snin, wara l-2018, bdiet xejra li sejra għall-agħar fl-għadd globali ta' proċeduri ta' akkwist b'offerta unika, jinsab fuq https://kozbeszerzes.hu/media/documents/FLASH_REPORT-2021.pdf.

¹¹ Study on concentration of awards and potential risks of fraud, corruption and conflict of interest in public procurement procedures in Hungary with focus on EU funded public procurements - Empirical analysis of Hungarian public procurement data from 2005 to 2021, Corruption Research Center Budapest. L-istudju ntbaġħat lill-Ungerija separatament għal skopijiet ta' informazzjoni.

ikkorroborati mis-sejbiet ta' eżami ta' ċerta *data* tal-offerti rigward kuntratti mogħtija lil xi wħud mill-kumpaniji identifikati bħala kumpaniji li jistgħu jitqiesu bħala politikament konnessi. Barra minn hekk, inġabru rapporti mill-media u mill-partijiet ikkonċernati fis-settur tat-turiżmu, tal-komunikazzjoni u tal-isport, li jagħtu indikazzjonijiet simili.

- (26) Fir-rigward tal-ftehimiet qafas, il-Kummissjoni tinnota li min-natura tal-ftehim qafas jirriżulta li, ladarba tali ftehim jiġi ffirmat, il-kumpaniji li ma jkunux ipparteċipaw fil-proċess oriġinali li jwassal għall-ftehim ma jkunux jistgħu jippreżentaw offerti. Għaldaqstant, minħabba l-irregolaritajiet evidenti fit-tmexxija tal-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' tali ftehimiet, stabbiliti fl-awditi tas-servizzi tal-Kummissjoni, l-ammonti sinifikanti koperti mill-ftehimiet qafas previsti f'setturi bħas-settur tal-IT, u t-tul ta' żmien tagħhom, jidher li għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027 huwa probabbli ħafna li ċerti kumpaniji parti minn ċerti konsorzji li jipparteċipaw f'kull wieħed mill-ftehimiet differenti jingħataw il-kuntratti kollha li jinvolvu fondi tal-Unjoni fis-settur rilevanti.

2.2. L-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess; tħassib dwar "trusts ta' interess pubbliku"

2.2.1. Is-sejbiet tal-Kummissjoni

- (27) Il-Kummissjoni qajmet tħassib dwar il-kapaċità tal-Ungerija li ttejjeb il-kontrolli rigward il-kunflitti ta' interess fl-użu tal-fondi tal-Unjoni permezz ta' għodod speċifiċi tal-IT, bħal Arachne (jiġifieri l-għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-valutazzjoni tar-riskju li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri), minħabba l-karatteristiċi ta' daww l-għodod u d-*data* li ttellgħet fihom mill-awtoritajiet Ungeriżi għal skopijiet analitiċi.
- (28) Il-Kummissjoni qajmet ukoll tħassib dwar it-trusts ta' interess pubbliku li mhumie x soġġetti għal regoli skont id-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Hija qajmet ukoll tħassib dwar kwistjonijiet relatati mal-kunflitt ta' interess u t-trasparenza għat-trusts ta' interess pubbliku, inkluża l-eċċezzjoni legali espliċita tal-membri tal-bordijiet ta' dawn it-trusts mir-rekwiżiti dwar il-kunflitt ta' interess u r-regoli dwar il-kunflitt ta' interess li mhumie x applikabbli għall-membri tal-Parlament, is-segretarji tal-istat u uffiċjali pubbliċi oħra tal-gvern li fl-istess ħin jistgħu jservu bħala membri tal-bord ta' tali trusts.

2.2.2. Kummenti ppreżentati mill-Ungerija

- (29) Fir-rigward tal-kontrolli ta' kunflitt ta' interess, l-Ungerija ma ppreżentatx l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni iżda indikat li hija regolarment tibgħat *data* lil Arachne u tużaha wkoll sa ċertu punt, filwaqt li fakkret li l-użu ta' Arachne mhuw iex obbligatorju skont id-dritt tal-Unjoni. Filwaqt li kkontestat l-utilità ta' Arachne u argumentat li s-sistema tal-IT Ungeriża (FAIR EUPR) hija aktar effiċjenti, hija rreferiet għan-negozjati li għaddejjin fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Plan, RRP) tagħha fir-rigward tal-impenn tagħha għall-użu estensiv ta' Arachne f'dan ir-rigward.
- (30) Fir-rigward tal-applikabbiltà tar-regoli tal-akkwist pubbliku għat-trusts ta' interess pubbliku, l-Ungerija sostniet li tali tħassib huwa sempliċiment teoretiku, billi daww it-trusts diġà jitqiesu bħala "awtoritajiet kontraenti" għall-finijiet tal-akkwist pubbliku skont ir-regoli applikabbli bħalissa (u b'mod partikolari skont l-Att Ungeriż dwar l-Akkwist Pubbliku). Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kunflitt ta' interess għall-membri tal-bord tad-diretturi ta' dawn it-trusts, l-Ungerija ssostni li t-tħassib tal-

Kummissjoni huwa sempliċi ipoteżi, filwaqt li tindika b'mod ċar li l-membri tal-bord tad-diretturi ta' tali trusts huma espressament esklużi mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt ta' interessi. Hija indikat ukoll għadd ta' regoli ta' esklużjoni u kunflitt ta' interess li allegatament jinsabu fl-artikoli tal-assoċjazzjonijiet ta' dawn l-entitajiet kollha.

2.2.3. *Valutazzjoni tal-Kummissjoni*

- (31) Fir-rigward tal-argumenti mqajma mill-Ungerija dwar Arachne, il-Kummissjoni tinnota li, bħala segwitu tal-awditu tas-sistema preventiva tal-2016¹², is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li s-sistema tal-IT Ungeriża FAIR EUPR ma tistax titqies li għandha funzjonalitajiet ekwivalenti ma' Arachne u li d-*data* mtella' mill-Awtoritajiet Ungeriżi ma tinkludix ċerti kategoriji ta' *data*¹³ li huma meħtieġa għall-funzjonalitajiet tat-test tar-riskju.
- (32) Il-Kummissjoni tqis li anki fil-każ fejn it-trusts ta' interess pubbliku jikkwalifikaw bħala awtoritajiet kontraenti għaliex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(1) (4) tad-Direttiva 2014/24/UE¹⁴, dan ma jfissirx li huma jitqiesu bħala awtoritajiet kontraenti fil-każijiet kollha. Minħabba r-regoli dwar in-nomina tal-membri tal-bord jista' jkun hemm inċertezza fir-rigward tal-kriterju tal-“kontroll tal-istat” stabbilit mid-direttiva, filwaqt li l-limitu rilevanti għal 50 % tal-finanzjament mill-Istat mhux dejjem jista' japplika. Għaldaqstant, it-trusts ta' interess pubbliku mhux se jitqiesu bħala awtoritajiet kontraenti skont it-tifsira tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku fil-każijiet kollha.
- (33) Fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-kunflitt ta' interess u t-trasparenza tat-trusts ta' interess pubbliku, l-Ungerija ma pprovdiet l-ebda argument fir-rigward tal-eċċezzjoni legali espliċita tal-membri tal-bordijiet tat-trusts minn rekwiżiti ta' kunflitt ta' interess. Barra minn hekk, l-Ungerija ma pprovdietx informazzjoni aktar dettaljata dwar dawn l-artikoli ta' assoċjazzjoni (pereż. jekk dawn id-dispożizzjonijiet għandhomx jiġu inklużi bil-liġi fl-artikoli tal-assoċjazzjonijiet tat-trusts ta' interess pubbliku kollha) u lanqas ma pprovdiet evidenza dwar kontrolli possibbli ta' kunflitt ta' interessi mwettqa fil-konfront tal-membri tal-bordijiet ta' trustees ta' trusts ta' interess pubbliku, kif inhu mitlub speċifikament. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tinnota li l-istabbiliment ta' entitajiet tad-dritt privat li ngħataw donazzjoni ta' assi pubbliċi sinifikanti mingħand l-Istat jista' jimplika nuqqas ta' kontroll pubbliku fuq il-funzjonament u l-governanza ta' dawn l-entitajiet. B'mod partikolari, wara t-trasferiment tad-drittijiet tal-fundatur mill-Ministru kompetenti għall-bord tat-trustees, l-istat jidher li jitlef kwalunkwe forma ta' kontroll fuq dawn it-trusts. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota wkoll, fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, li r-regoli dwar il-kunflitti ta' interess mhumie x applikabbli għall-membri tal-Parlament, għas-segretarji tal-istat u għal uffiċjali pubbliċi oħra tal-gvern li jservu, fl-istess ħin, bħala membri tal-bord ta' trusts ta' interess pubbliku, minkejja li dawn l-entitajiet jirċievu finanzjament pubbliku sinifikanti, li jinvolvi riskji akbar ta' korruzzjoni¹⁵.

¹² Dwar il-Programm operazzjonali Żvilupp Ekonomiku u Innovazzjoni.

¹³ Pereż. fil-livell tal-fornitur u tal-kuntratt.

¹⁴ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

¹⁵ Ara paġna 17 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, li jakkumpanja d-dokument Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitau Soċjali Ewropew u

3. RAĠUNIJET ADDIZZJONALI RELATATI MAL-INVESTIGAZZJONI, MAL-PROSEKUZZJONI, MAL-QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

3.1. Investigazzjoni u prosekuzzjoni

3.1.1. *Is-sejbiet tal-Kummissjoni*

(34) L-ittra ta' notifika u ta' intenzjoni indikaw riskju serju li t-twettiq effettiv ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet f'każijiet li jinvolve fondi tal-Unjoni jiddgħajjef minħabba l-konċentrazzjoni tas-setgħat f'idejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, l-organizzazzjoni strettament ġerarkika tas-servizz tal-prosekuzzjoni, in-nuqqas ta' rekwiżit li jingħataw raġunijiet meta l-każijiet jiġu attribwiti jew assenjati mill-ġdid, in-nuqqas ta' regoli biex jiġu evitati deċiżjonijiet arbitrari li jistgħu jfixxlu politika effettiva ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' sħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet investigattivi jew mis-servizz tal-prosekuzzjoni biex ma tittieħed ebda azzjoni fuq każ partikolari. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet għall-Kapitolu tal-Pajjiż Ungeriż tar-rapport tal-Kummissjoni tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt¹⁶, filwaqt li indikat ir-rakkomandazzjonijiet rigward il-prosekuturi maħruġa mill-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (GRECO) mill-2015¹⁷ u n-nuqqas ta' rimedji effettivi kontra deċiżjonijiet tas-servizz tal-prosekuzzjoni li ma jinvestigax jew ma jħarisx l-allegata attività kriminali detrimentali għall-interess pubbliku, inklużi l-korruzzjoni u l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE u l-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubblici¹⁸.

(35) Billi l-Ungerija tikkooopera biss b'mod bilaterali mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u mhijiex Stat Membru parteċipanti¹⁹, l-OLAF jibqa' l-uniku korp amministrattiv investigattiv tal-Unjoni kompetenti biex jinvestiga allegazzjonijiet ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

3.1.2. *Kummenti ppreżentati mill-Ungerija*

(36) L-Ungerija kkontestat ir-referenza mill-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO li għadhom ma ġewx indirizzati, u qabblet ir-rata ta' implimentazzjoni tal-Ungerija ma' dik ta' Stati Membri oħra, fuq il-bażi tal-aħħar data disponibbli mill-GRECO²⁰.

(37) L-Ungerija enfasizzat ukoll li mhijiex obbligata tipparteċipa fl-UPPE u enfasizzat li kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni miegħu u li l-Kap Prosekutur Ewropew iddikjara f'intervista li s-servizz ta' prosekuzzjoni Ungeriż wieġeb għat-talbiet kollha

lill-Kumitat tar-Regġuni, Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, Is-sitwazzjoni dwar l-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea, SWD(2022) 517 final "Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt fl-Ungerija".

¹⁶ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, SWD (2021) 714 final, jinsab hawn <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021SC0714>, paġna 8.

¹⁷ GRECO Fourth evaluation round – Evaluation report of 27 March 2015, Greco Eval IV Rep (2014) 10E, jinsab hawn <https://rm.coe.int/CoERMPublicCommonSearchServices/DisplayDCTMContent?documentId=09000016806c6b9e>.

¹⁸ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, SWD (2021) 714 final, jinsab hawn <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021SC0714>, nota f'qiegħ il-paġna 58.

¹⁹ L-Istati Membri tal-UE mhux parteċipanti jikkoopearaw bilateralment mal-UPPE.

²⁰ GRECO 22nd General Activity Report 2021, jinsab hawnhekk <https://rm.coe.int/greco-general-activity-report-2021/1680a6bb79>.

tal-UPPE. L-Ungerija argumentat li fl-Istati Membri li huma partijiet għal kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE, l-UPPE huwa korp li jaġixxi fih innifsu u jaġixxi b'mod indipendenti mill-awtoritajiet investigattivi nazzjonali u mill-uffiċċji tal-prosekutur pubbliku. Għal din ir-raġuni, l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi ma jittrattawx kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-UPPE. B'kuntrast ma' dan, il-kooperazzjoni mal-OLAF jista' tabilħaqq ikollha effett li ssaħħa l-effiċjenza, billi l-OLAF jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li jikkomplementa l-kapaċitajiet tagħhom. Barra minn hekk, l-Ungerija enfasizzat li minbarra l-Ungerija, erba' Stati Membri oħra tal-UE mhumieq membri tal-UPPE u li l-effiċjenza tas-servizzi ta' prosekuzzjoni ta' dawn il-pajjiżi mhijiex kwistjoni ta' tħassib għall-Kummissjoni.

- (38) Fir-rigward ta' (i) il-possibbiltà li l-Prosekutur Ġenerali jaġti struzzjonijiet direttament jew indirettament lill-prosekuturi u li jattribwixxi jew ineħħi każijiet, u (ii) is-sett ta' kriterji għat-trasferiment ta' każijiet bejn prosekuturi subordinati, l-Ungerija rreferiet għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-liġi nazzjonali u argumentat li l-istruttura ġerarkika tas-servizz tal-prosekuzzjoni ma tistax fiha nnifisha tkun kwistjoni ta' stat tad-dritt u kkontestat l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li din l-istruttura tista' taffettwa l-effettività tal-aġġudikazzjoni f'kawżi kriminali. L-Ungerija ddikjarat ukoll li matul il-mandat tal-Prosekutur Ġenerali attwali, dan tal-aħħar ma nehhieq każijiet mill-prosekuturi. L-Ungerija rreferiet ukoll għall-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita d-drittijiet tal-vittima fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali relatati ma' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u għall-possibbiltà li tippreżenta ilment kontra atti tal-awtorità investigattiva jew li taġixxi bħala prosekutur privat sostitut. L-Ungerija ddikjarat ukoll li f'każijiet mibdija wara t-trażmissjoni ta' rakkomandazzjoni ġudizzjarja mill-OLAF, is-servizz tal-prosekuzzjoni Ungeriż dejjem jibgħat deċiżjonijiet dwar iċ-ċaħda ta' proċedimenti kriminali lill-OLAF, fuq il-bażi tal-arranġament ta' kooperazzjoni konkluż mal-OLAF fil-11 ta' Frar 2022. L-Ungerija żiedet li n-nuqqas tal-Unjoni li tikkontesta d-deċiżjonijiet rilevanti jew li taġixxi bħala prosekutur privat sostitut jindika l-qbil jew in-nuqqas ta' oġġezzjoni tagħha għal dawn id-deċiżjonijiet.

3.1.3. *Valutazzjoni tal-Kummissjoni*

- (39) Il-Kummissjoni esponiet ir-raġunijiet dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'rabta mal-kwistjonijiet l-oħra li semmiet f'dan il-każ, b'mod partikolari l-irregolaritajiet, in-nuqqasijiet u d-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku, u bħala tali ma kinix ibbażati esklużivament fuq it-tħassib inkwistjoni fir-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO. Paragun tal-prestazzjoni tal-Ungerija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-GRECO mal-prestazzjoni ta' Stati Membri oħra ma jindirizzax it-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tinnotta wkoll f'dan ir-rigward li, skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, il-valutazzjoni ta' kull każ, il-firxa u l-kamp ta' applikazzjoni tal-evidenza, titwettaq fuq il-merti tagħha stess, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Barra minn hekk, għalkemm l-evalwazzjoni l-aktar reċenti tal-GRECO²¹ tal-livell ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti mill-Ungerija nnotat titjib żgħir, għadd ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni fir-rigward tal-prosekuturi għadhom mhumieq implimentati jew ġew implimentati fuq bażi parzjali biss.

²¹

Ara GRECO Fourth Evaluation Round – Interim Compliance Report.

- (40) Bil-kontra ta' dak li jidher li qed targumenta l-Ungerija fit-tieni tweġiba tagħha, il-Kummissjoni ma implikax li l-Ungerija tkun obbligata tissieħeb fl-UPPE. Il-Kummissjoni taf sew ukoll dwar il-kooperazzjoni bilaterali bejn l-Ungerija u l-UPPE, u tinsab sodisfatta bir-rispons tajjeb mill-Ungerija għat-talbiet tal-UPPE, f'konformità mad-dmir tagħha ta' kooperazzjoni sinċiera. Madankollu, fin-nuqqas tal-parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-UPPE, is-servizz tal-prosekuzzjoni Ungeriż huwa l-uniku uffiċju li jwettaq investigazzjonijiet kriminali dwar reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Għalhekk, in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-Ungerija fl-UPPE huwa rilevanti fid-dawl tat-tħassib dwar il-funzjonament effettiv tas-servizz tal-prosekuzzjoni Ungeriż. Bafra minn hekk, fil-konfront tal-Ungerija u kif inhu stabbiliti fin-notifika, l-OLAF jibqa' l-uniku korp amministrattiv investigattiv tal-Unjoni kompetenti biex jinvestiga allegazzjonijiet ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Kemm jekk Stat Membru jipparteċipa fl-UPPE kif ukoll jekk le, jibqa' essenzjali li jkun hemm stabbilit servizz ta' prosekuzzjoni nazzjonali effettiv u indipendenti, qafas robust kontra l-korruzzjoni kif ukoll kooperazzjoni effettiva mal-OLAF.
- (41) Fir-rigward tal-kummenti li l-Ungerija ppreżentat dwar is-servizz tal-prosekuzzjoni, il-Kummissjoni ħadet nota tal-informazzjoni pprovduta, li kkonfermat l-istruttura strettament ġerarkika tas-servizz tal-prosekuzzjoni u ddeskriviet ir-rekwiżiti għat-tneħħija u t-trasferiment tal-każijiet u r-regoli dwar il-proċedimenti dixxiplinari. L-Ungerija ma pprovdietx tweġibiet sħaħ rilevanti għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-servizz tal-prosekuzzjoni, inkluż fir-rigward tal-proċedimenti rilevanti għar-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji tal-OLAF biex jiġi indirizzat it-tħassib tal-Kummissjoni. Għalhekk, jibqa' tħassib dwar kwistjonijiet sistemiċi rilevanti għall-funzjonament xieraq attwali tal-awtoritajiet investigattivi u tas-servizz tal-prosekuzzjoni fir-rigward tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati jew ksur tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni jew mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, billi s-setgħat diskrezzjonali tas-servizz tal-prosekuzzjoni huma amplifikati mill-istruttura strettament ġerarkika tiegħu. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-setgħat estensivi tal-Prosekutur Ġenerali flimkien man-nuqqas ta' kontrolli u bilanċi fis-servizz tal-prosekuzzjoni jista' jaffettwaw il-funzjonament effettiv tas-servizz, b'impatt fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (42) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-argument tal-Ungerija li n-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' deċiżjoni jew in-nuqqas ta' aġir bħala prosekutur privat sostitut jindika qbil ma' jew nuqqas ta' oġġezzjoni għal deċiżjoni li jintemmu l-proċedimenti. Mhux biss l-argument ma jqisx deċiżjonijiet li ma ssirx investigazzjoni jew li tintemm l-investigazzjoni ta' reati li huma rilevanti għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, iżda għandu wkoll l-għan li jċaqlaq ir-responsabbiltà għal azzjoni ta' prosekuzzjoni fuq l-Unjoni, għall-kuntrarju tad-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, li l-Artikolu 325 Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa espressjoni espliċita tiegħu. Bl-istess mod, id-dispożizzjoni tad-deċiżjoni li tiċħad il-proċedimenti fuq il-bażi tal-arranġament ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-OLAF ma tistax tintfiehemi li tindika qbil ma' jew nuqqas ta' oġġezzjoni għal deċiżjoni ta' terminazzjoni ta' proċedimenti.
- (43) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota l-valutazzjoni tagħha kif approvata mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2022, li permezz tagħha "[m]eta jinqalgħu allegazzjonijiet serji, ikun hemm nuqqas sistematiku ta' azzjoni determinata għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni li

jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli jew iċ-ċirku immedjat tagħhom. Ir-responsabbiltà għal deċiżjonijiet biex jingħalqu l-investigazzjonijiet tibqa' kwistjoni ta' tħassib billi ma hemm l-ebda rimedju effettiv kontra deċiżjonijiet tas-servizz tal-prosekuzzjoni biex ma ssirx prosekuzzjoni ta' allegata attività kriminali²², kwistjoni li twassal għar-rakkomandazzjoni li "[j]iġi infurzat il-qafas kontra l-korruzzjoni, inkluż billi jittejjbu l-isforzi ta' prosekuzzjoni [...]"²³. Il-Kummissjoni tinnotta wkoll li fil-kuntest tar-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt għall-Ungerija għie rakkomandat lill-Ungerija biex issaħħaħ ir-rekord tagħha ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli²⁴.

3.2. Qafas kontra l-korruzzjoni

3.2.1. *Is-sejbiet tal-Kummissjoni*

- (44) Il-Kummissjoni nnotat li l-istrategġija kontra l-korruzzjoni jew il-qafas usa' (inklużi, pereżempju, regoli dwar il-kunflitti ta' interess, is-sjeda benefiċjarja, il-lobbying u d-dikjarazzjoni tal-assi) dehru li ma fihomx dispożizzjonijiet jew attivitajiet rigward il-prevenzjoni u t-trażżin effettivi ta' reati kriminali li jistgħu jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni. Hija rreferiet ukoll għat-tħassib persistenti rigward il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' korruzzjoni f'livell għoli u nnotat li l-awtoritajiet Ungeriżi ma kinux ipprovdew informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jiġu rkuprati l-ammonti affettwati mill-irregolaritajiet li wasslu għall-irtirar ta' proġetti mill-finanzjament tal-Unjoni, u lanqas ma pprovdew *data* dwar l-irkupri. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni indikat ukoll limitazzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rigward il-kooperazzjoni f'każ ta' reżistenza minn operatori ekonomiċi li jaffettwaw l-effettività tal-kooperazzjoni mal-OLAF.

3.2.2. *Kummenti ppreżentati mill-Ungerija*

- (45) L-Ungerija esprimiet dubbi dwar ir-referenza tal-Kummissjoni għall-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni (Corruption Perceptions Index, CPI), li, flimkien ma' indikaturi oħra, jissuġġerixxi li l-Ungerija tikklassifika fost l-aktar Stati Membri baxxi għall-prestazzjoni dwar il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni. F'dan ir-rigward, l-Ungerija rreferiet għall-analiżi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (v, JRC) ippubblikata fl-2018²⁵, li appellat għal kawtela fl-interpretazzjoni tar-riżultati tas-CPI. L-Ungerija rreferiet ukoll għall-Ewrobarometru 502 dwar il-perċezzjonijiet ta' korruzzjoni (indikatur mhux ikkwotat fin-notifika) ippubblikat f'Ġunju 2020, li juri li l-Ungerija kklassifikat aħjar minn tmien Stati Membri oħra. Barra minn hekk, l-Ungerija semmiet rapport tal-Eurojust ta' Mejju

²² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2022 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija għall-2022, il-paragrafu 26, fuq <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9764-2022-INIT/en/pdf>.

²³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2022 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija għall-2022, ir-Rakkomandazzjoni 4, fuq <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9764-2022-INIT/en/pdf>.

²⁴ Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/40_1_193993_coun_chap_hungary_en.pdf, p. 2.

²⁵ Ara <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC113251>.

2022²⁶ biex tikkonferma li l-Ungerija tinsab fin-nofs f'termini ta' involviment f'każijiet ta' korruzzjoni.

- (46) B'referenza għall-qafas kontra l-korruzzjoni, l-Ungerija rreferiet għall-Istrateġija għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni 2020-2022 u kkontestat is-sejba tal-Kummissjoni li l-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' (kważi nofs) il-miżuri ġiet estiża. Skont l-Ungerija, ir-raġuni għal dan tkun li l-pandemija tal-COVID-19 għamlitha impossibbli li jitwettqu taħriġ, konsultazzjonijiet jew riċerka fiżikament u din hija r-raġuni għaliex l-implimentazzjoni tagħha ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2023. Barra minn hekk, l-Ungerija indikat li l-miżuri speċifiċi ta' intervent u l-iskeda ta' żmien tal-Istrateġija Kontra l-Korruzzjoni 2020-2022 ġew inklużi fid-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1328/2020 tad-19 ta' Ġunju 2020.
- (47) L-Ungerija kkontestat ukoll li n-notifiki mill-awtoritajiet amministrattivi dwar irregolaritajiet possibbli rrapportati mill-informaturi għandhom rwol iżgħar f'investigazzjonijiet kriminali billi jindikaw li s-Servizz Protettiv Nazzjonali (NVSZ) ma għandux setgħat biex jinvestiga iżda jivverifika jekk l-allegazzjonijiet humiex korretti u jagħti bidu għal segwitu xieraq. Hija kkontestat ukoll il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li l-Awtorità Nazzjonali tat-Taxxa u tad-Dwana tista' tibda proċeduri biss jekk l-awtoritajiet investigattivi jkunu fetħu wkoll investigazzjonijiet kriminali u rreferew għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.
- (48) Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, l-Ungerija ddikjarat li s-sistema Ungeriża tad-dikjarazzjoni tal-assi għall-Membri tal-Assemblea Nazzjonali u l-eżekuttivi politiċi għolja hija traspożizzjoni tas-sistema użata mill-Parlament Ewropew bħala prattika internazzjonali tajba.
- (49) Barra minn hekk, għalkemm inizjalment l-Ungerija argumentat li l-leġiżlazzjoni tal-UE u l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri ma jiddefinixxux b'mod speċifiku l-kunċett ta' korruzzjoni f'livell għoli, fit-tieni tweġiba hija rreferiet għall-informazzjoni li pprovdiet fil-kuntest tar-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'livell għoli. Barra minn hekk, hija kkontestat il-kamp ta' applikazzjoni tal-korruzzjoni skont id-dritt tal-Unjoni.

3.2.3. *Valutazzjoni tal-Kummissjoni*

- (50) Għandu jiġi nnutat li (i) il-Kummissjoni indikat b'mod ċar li s-CPI tqies bħala indikatur komplementari, (ii) l-Ungerija nnifisha rrikonoxxiet li kienet fost l-aġar f'termini ta' prestazzjoni (it-tieni waħda mill-aħħar) fis-CPI tal-2021 u, fuq kollox (iii) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-punteġġ tas-CPI nbidlet immedjatament wara l-analiżi tal-JRC biex tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni²⁷. Fir-rigward tal-argument tal-Ungerija bbażat fuq l-Ewrobarometru Speċjali, il-Kummissjoni tinnota li l-Ewrobarometru Speċjali dwar il-korruzzjoni 523²⁸, ippubblikat fit-13 ta' Lulju 2022, jindika li 91 % tar-rispondenti Ungeriżi jqisu l-korruzzjoni mifruxa f'pajjiżhom, ferm ogħla mill-medja tal-UE li tikkorrispondi għal 68 %. Barra minn hekk, hemm indikazzjonijiet li aktar u aktar nies iqisu li hemm korruzzjoni bejn in-negozju u l-politiċi b'74 % tan-nies mitluba jikkunsidraw li l-uniku mod biex jirnexxu fin-negozju huwa li jkollok konnessjonijiet politiċi. Fir-

²⁶ Xogħol ta' Każijiet tal-Eurojust dwar il-Korruzzjoni: 2016-2021 Għarfen, Mejju 2022, jinsab fuq <https://www.eurojust.europa.eu/sites/default/files/assets/eurojust-casework-on-corruption-2016-2021-insights-report.pdf>.

²⁷ Ara https://images.transparencycdn.org/images/CPI2020_TechnicalMethodologyNote_ENv2.pdf.

²⁸ <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2658>

rigward tar-referenza għar-rapport tal-Eurojust, il-Kummissjoni tfakkar li l-Eurojust tirreġistra biss każijiet transfruntiera²⁹; għalhekk, bħala tali, ir-rapport huwa indikatur fost l-oħrajn tal-istat ta' korruzzjoni rreġistrat fi Stat Membru individwali, u tal-effettività tal-awtoritajiet nazzjonali fl-indirizzar tal-korruzzjoni mingħajr element transfruntier.

- (51) Fir-rigward tal-argumentazzjoni ppreżentata dwar il-miżuri skont l-istrateġija Kontra l-Korruzzjoni, ir-Rapport tal-Pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2022 jiddikjara li “[k]ieku ġew implimentati, dawn il-miżuri kienu jgħinu biex il-korruzzjoni fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fl-intrapriżi tal-istat tiġi identifikata u mħarrka b’mod aktar effettiv”³⁰. Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt għall-Ungerija jirreferi għal din il-kwistjoni wkoll³¹. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li diversi miżuri li l-iskadenza tagħhom għall-implimentazzjoni ġiet estiża sal-2023 ma kinux jiġu mfixkla mill-pandemija tal-COVID-19³².
- (52) Il-Kummissjoni tinnotta li fir-rigward tar-“rwol relattivament iżgħar” li għandhom l-għodod preventivi fl-investigazzjonijiet kriminali, waslet informazzjoni rilevanti mis-servizz tal-prosekuzzjoni Ungeriż fil-kuntest tat-tħejjija kemm tar-Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021 kif ukoll tal-2022³³. Is-servizz tal-prosekuzzjoni jqis is-Servizz ta’ Protezzjoni Nazzjonali bħala s-sors ewlieni u indispensabbli għall-ġbir ta’ evidenza biex jinbdew investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta’ korruzzjoni. Fl-istess kuntest, l-awtoritajiet Ungeriżi nfushom indikaw li l-proċedimenti kriminali għal reati ta’ korruzzjoni jinbdew prinċipalment fuq il-bażi tal-attivitajiet ta’ investigazzjoni kriminali tal-awtoritajiet investigattivi, bil-maġġoranza tal-każijiet investigati jiġu skoperti mis-(sorveljanza sigrieta tas-Servizz Protettiv Nazzjonali³⁴. L-informazzjoni li tirriżulta minn għodod ta’

²⁹ Ara <https://www.eurojust.europa.eu/about-us/what-we-do> kif ukoll l-ewwel punt tas-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport tal-Eurojust ikkwotat mill-Ungerija.

³⁰ Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2022 Rapport tal-Pajjiż - l-Ungerija Li jakkumpanja d-dokument Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tal-Ungerija għall-2022 u li jagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Konverġenza tal-Ungerija għall-2022, Brussell, 23.5.2022, SWD(2022) 614 final, p. 14.

³¹ Ara r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt - Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, SWD(2021) 714 final, jinsab fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021SC0714>, paġna 13. Ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2022 Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/40_1_193993_coun_chap_hungary_en.pdf, p. 12.

³² Dan huwa l-każ, pereżempju, għal (a) l-iżvilupp ta’ sistema awtomatizzata ta’ appoġġ għad-deċiżjonijiet biex jittejjbu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet (skadenza ġdida l-31 ta’ Jannar 2023), (b) ktieb tal-każijiet dwar l-indirizzar tal-korruzzjoni għall-prattikanti (skadenza ġdida t-30 ta’ Ġunju 2023), (c) entrati ta’ data fis-sistema ta’ valutazzjoni tar-riskju tas-Servizz Nazzjonali ta’ Protezzjoni (skadenza ġdida t-30 ta’ Ġunju 2023), (d) qafas legali dwar il-korruzzjoni f’investimenti kbar fl-infrastruttura (skadenza ġdida t-30 ta’ Ġunju 2023), (e) sħarriġ dwar mudelli ta’ ġestjoni tal-integrità għall-entitajiet tal-istat u l-intrapriżi tal-istat (skadenza t-30 ta’ Ġunju 2023) u (f) rapport ta’ implimentazzjoni tal-kompiti stabbiliti fl-Istrateġija 2020-2022 mill-Ministru tal-Intern (skadenza l-31 ta’ Mejju 2023 għar-rapport tal-Ministri; it-30 ta’ Ġunju 2023 għar-rapport ta’ sommarju tal-Ministru tal-Intern)

³³ Ara wkoll ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/40_1_193993_coun_chap_hungary_en.pdf, p. 13.

³⁴ Ara r-Rapport tal-2021 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt - Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija - Ara d-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2021 Rapport dwar l-Istat tad-Dritt - Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija,

detezzjoni, bħal dikjarazzjonijiet tal-assi, żvelar ta' informaturi u reġistri, għandha rwol relattivament minuri fl-investigazzjonijiet tal-korruzzjoni³⁵.

- (53) Fir-rigward tal-Awtorità Nazzjonali tat-Taxxa u tad-Dwana, il-Kummissjoni tinnotta li l-Ungerija stess tirrikonoxxi li tali kontrolli jistgħu jsiru biss f'każ ta' suspett ta' reati kriminali mill-awtorità investigattiva, li tikkonferma s-sejbiet fin-notifika.
- (54) Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jinnotta li l-korpi tal-Istat b'funzjonijiet superviżorji raw ħatriet politiki jgħajmu mistoqsijiet dwar l-imparzjalità tagħhom fl-identifikazzjoni tal-korruzzjoni³⁶. Mekkaniżmi ta' sorveljanza indipendenti inadegwati u interkonnnessjonijiet mill-qrib bejn il-politika u ċerti negozji nazzjonali jwasslu għall-korruzzjoni³⁷.
- (55) Fir-rigward tal-argumentazzjoni pprovduta mill-Ungerija dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi, il-Kummissjoni tinnotta li għad hemm tħassib li ilu jeżisti fir-rigward tas-superviżjoni, il-verifika u l-infurzar effettivi u trasparenti tar-regoli tal-kodiċijiet ta' kondotta, il-kunflitti ta' interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi għall-membri tal-Parlament u uffiċjali oħra b'riskju għoli³⁸. L-emendi għar-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi għall-membri tal-Parlament introdotti f'Lulju 2022 ma għandhomx l-għan li jindirizzaw dan it-tħassib. Ir-regoli l-ġodda jirriżultaw f'rekwiżiti saħansitra inqas stretti għad-dikjarazzjonijiet tal-assi meta mqabbla ma' dawk preċedenti applikabbli sal-31 ta' Lulju 2022, billi l-membri tal-Parlament ma għadhomx obbligati jirrapportaw dwar l-assi tagħhom³⁹. Sabiex tiġi vvalutata l-effettività ta' sistema ta' dikjarazzjoni tal-assi, jenħtieġ li wieħed iqis is-sitwazzjoni ġenerali li għaliha tapplika tali sistema. Kif spjegat fin-notifika, fl-ittra ta' intenzjoni u hawn fuq, il-kuntest Ungeriż jgħid li tħassib u għalhekk, jeħtieġ sistema ta' dikjarazzjoni tal-assi aktar komprensiva.
- (56) Fit-tieni tveġiba tagħha l-Ungerija rreferiet għal investigazzjonijiet miftuħa f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli li hija semmiet fil-kuntest tar-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt. Dan juri li essenzjalment fehmet il-kunċett ta' korruzzjoni ta' livell għoli u d-differenza bejn dik u korruzzjoni ta' livell baxx/żgħir, irrISPettivament mid-definizzjoni ta' reati ta' korruzzjoni fil-liġi tal-UE jew nazzjonali. Fl-istess ħin, għalkemm il-Kummissjoni laqgħet l-informazzjoni pprovduta, din tal-aħħar ma

SWD(2021) 714 final, jinsab fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021SC0714>, paġna 13.

³⁵ Ara wkoll ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/40_1_193993_coun_chap_hungary_en.pdf, p. 13

³⁶ Ara, f'dan ir-rigward, ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/40_1_193993_coun_chap_hungary_en.pdf, in-nota 92 f'qiegħ il-paġna.

³⁷ Ara, f'dan ir-rigward, ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/40_1_193993_coun_chap_hungary_en.pdf, in-nota 93 f'qiegħ il-paġna.

³⁸ GRECO Fourth Evaluation Round – It-Tieni Rapport *Interim* ta' Konformità, p. 5.

³⁹ Hemm biss rekwiżit li jiġu ddikjarati d-dħul u l-parteċipazzjonijiet, u mhux l-assi. Id-dikjarazzjonijiet tal-assi jridu jinkludu assi fis-sens litterali, jiġifieri proprjetajiet immobbli, beni mobbli ta' valur (bħal vetturi, bastimenti, antikitajiet u xogħlijiet tal-arti ta' valur, eċċ.), tfaddil f'depożiti bankarji u fi flus kontanti, arranġamenti ta' ġestjoni, trusts (inkluż kwalunkwe relazzjoni li uffiċjal pubbliku jew membru tal-familja jkollu fir-rigward ta' trust), fondi ta' ekwità privata, poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja, u informazzjoni dwar is-sjeda benefiċjarja.

twassalx biex turi rekord robust ta' investigazzjonijiet ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li jikkonċernaw uffiċjali ta' livell għoli u ċ-ċirku immedjat tagħhom, li jibqa' ta' tħassib serju⁴⁰. Għalhekk, ma jistax jitqies li l-Ungerija indirizzat it-tħassib dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' korruzzjoni ta' livell għoli.

4. KONKLUŻJONI TAL-VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI FIR-RIGWARD TAL-KSUR TAL-PRINĊIPJI TAL-ISTAT TAD-DRITT

(57) Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni tqis li l-kwistjonijiet identifikati fin-notifika u mtennija fl-ittra ta' intenzjoni għadhom validi u jikkostitwixxu ksur sistemiku tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fis-sens tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, b'mod partikolari tal-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità fid-dawl tal-Artikolu 3(b) tiegħu. Dan it-tħassib huwa relatat ma' diversi sitwazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4(2) tiegħu, b'mod partikolari:

- (a) il-funzjonament tajjeb tal-awtoritajiet li jimplimentaw il-baġit tal-Unjoni, [...] b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku;
- (b) il-funzjonament xieraq tal-awtoritajiet li jwettqu kontroll finanzjarju, monitoraġġ u awditjar, u l-funzjonament xieraq ta' sistemi effettivi u trasparenti tal-ġestjoni finanzjarja u tal-obbligu ta' rendikont;
- (e) il-prevenzjoni u s-sanzjonar ta' frodi, [...], korruzzjoni jew ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni relatat mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni jew mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni [...];
- (h) Sitwazzjonijiet oħra [...] li huma rilevanti għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, irrappreżentati f'dan il-każ min-nuqqas kostanti li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju u l-prattika fl-akkwist pubbliku jevitaw ir-riskji ta' korruzzjoni u irregolaritajiet oħra fil-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni.

5. PROĊEDURI OĦRA MA JIPPERMETTUX LI L-BAĠIT TAL-UNJONI JIĠI PROTETT B'MOD AKTAR EFFETTIV

5.1. Valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni

(58) Il-Kummissjoni tqis li l-ebda proċedura oħra skont id-dritt tal-Unjoni ma tippermettilha tipproteġi l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv mill-proċedura stabbilita mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità. In-nuqqasijiet, id-dgħufijiet, il-limiti u r-riskji identifikati huma mifruxa u marbutin ma' xulxin. Dan jipprevjeni li proċeduri oħra jkunu aktar effettivi minn dawk previsti mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità. Għal aktar minn 10 snin, l-Ungerija kienet id-destinatarja ta' rakkomandazzjonijiet u korrezzjonijiet minħabba dgħufijiet u irregolaritajiet serji, b'mod partikolari fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Anki jekk il-Kummissjoni ħadet azzjoni kull darba li identifikat ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku jew tal-liġi applikabbli biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni fuq il-bażi tal-proċeduri stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, sena wara sena, perjodu ta' programmazzjoni wara perjodu

⁴⁰ Ara, f'dan ir-rigward, ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, jinsab fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/40_1_193993_coun_chap_hungary_en.pdf, paġna 14.

ta' programmazzjoni, l-akkwist pubbliku fl-Ungerija kompli jippreżenta nuqqasijiet u dgħufijiet li affettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

- (59) L-approċċ preventiv tal-awditi tas-servizzi tal-Kummissjoni wera, minn naħa waħda, li l-Ungerija ma kinitx kapaċi tiżgura l-funzjonament effettiv tal-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-baġit tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa għal azzjoni kostanti, mifruxa u li tħares 'il quddiem mill-Kummissjoni biex tiproteġi dak il-baġit.
- (60) Fir-rigward tar-riformi reċenti ħafna li jikkonċernaw it-trusts ta' interess pubbliku, in-natura retrospettiva tal-proċeduri stabbiliti f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, flimkien mar-riskji serji li l-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu allokati u żborżati mingħajr ma jiġi vverifikat il-kunflitt ta' interess u mhux neċessarjament f'konformità mar-regoli tal-akkwist, tagħmel il-proċedura stabbilita mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità l-aktar strument effettiv għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.
- (61) Anki jekk l-użu ta' ċerti mezzi oħra disponibbli taħt regoli settorjali jista' jiġi previst, bħal verifiki mid-dipartimenti tal-Kummissjoni, li jistgħu jidentifikaw irregolaritajiet mhux prevenuti, identifikati jew ikkoreġuti mill-awtoritajiet Ungeriżi, daww il-miżuri ġeneralment jirrigwardaw infiq diġà ddikjarat lill-Kummissjoni. Il-korrezzjonijiet finanzjarji lanqas ma huma rimedju suffiċjenti f'dan il-każ, billi fil-prinċipju mhumix ta' natura preventiva u mhux dejjem ikunu relatati ma' kwistjonijiet sistemiċi.
- (62) Anki approċċ proattiv mill-Kummissjoni, bħall-awditi preventivi tas-servizzi tal-Kummissjoni, jibqa' limitat għall-fondi speċifiċi kkonċernati mir-regoli settorjali applikabbli. Barra minn hekk, approċċ bħal dan ma jippermettix lill-Kummissjoni tiproteġi l-baġit b'mod aktar effettiv jew effettiv biżżejjed, billi jiffoka fuq programmi speċifiċi mingħajr ma jindirizza l-ambitu sħiħ tad-dgħufijiet identifikati.
- (63) Dawn id-dgħufijiet huma msaħħa mit-tħassib dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, kif ukoll il-limiti tal-qafas kontra l-korruzzjoni. Dan it-tħassib u dawn il-limiti huma partikolarment rilevanti fil-każ fejn il-proġetti li jiġu investigati mill-OLAF jiġu rtirati mill-finanzjament tal-Unjoni, billi dan ġeneralment ifisser li l-kawża ewlenija għad-dgħufija ma tiġix indirizzata u terġa' sseħħ.
- (64) Fil-prattika, dawn iċ-ċirkostanzi jindikaw il-konklużjoni li l-irregolaritajiet jistgħu jaffettwaw ukoll parti sinifikanti mill-operazzjonijiet li ma jkunux ġew investigati jew awditjati, filwaqt li jitqies li meta l-irregolaritajiet jiġu tabilħaqq skoperti, il-fondi tal-Unjoni jinbidlu b'fondi nazzjonali li x'aktarx jilhqgħu lir-riċevituri mfassla tagħhom, possibbilment mingħajr konsegwenzi konkreti għall-irregolaritajiet amministrattivi jew kriminali mwettqa, li jippermettu li l-irregolaritajiet ikomplu jew jergħu jseħħu f'operazzjonijiet oħra li ma jiġux investigati jew awditjati, u mingħajr l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u deterrenti kif meħtieġ mill-Artikolu 325(1) TFUE.
- (65) Bl-istess mod, ftehimiet, pjanijiet ta' azzjoni u strumenti oħra jistgħu fil-prinċipju jtejbju l-investigazzjoni xierqa ta' frodi, korruzzjoni jew ksur rilevanti ieħor tal-liġi tal-Unjoni jew reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' evidenza tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala li kapaċi jiproteġu kontra riskji serji għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (66) Bħala konklużjoni, it-tħassib tal-Kummissjoni fil-każ tal-Ungerija jaffettwa għadd ta' oqsma ewlenin għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni u l-konformità mal-

prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u, b'mod kumulattiv, dawn jgħolqu riskji serji għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tabilħaqq, hemm kwistjonijiet fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fl-Ungerija li ma jidhrux li qed jiġu investigati kif xieraq minħabba limiti jew ostakli strutturali, legali jew prattiċi fid-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi u irregolaritajiet oħra; dan jikkostitwixxi sitwazzjoni ġenerali li direttament u serjament tirriskja li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-kwistjonijiet identifikati huma tant mifruxa u serji li r-riskji finanzjarji ġenerali għall-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jaqbżu r-riskji li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' proċeduri oħra stabbiliti fi strumenti settorjali differenti. Konsegwentement, fil-fehma tal-Kummissjoni, minħabba l-komplessità u n-natura interkonnessa ta' dawk il-kwistjonijiet, l-ebda proċedura oħra stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tippermettilha ttiproteġi l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv.

5.2. Kummenti ppreżentati mill-Ungerija

- (67) L-Ungerija argumentat li r-Regolament 1060/2021 (RDK)⁴¹, jinkludi miżuri bħall-interruzzjoni tal-iskadenzi tal-pagamenti, is-sospensjoni tal-pagamenti u l-korrezzjonijiet finanzjarji, li huma effettivi u xierqa biex jiproteġu l-baġit tal-Unjoni. L-Ungerija rreferiet ukoll għal mezzi oħra għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni biex tiggarantixxi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fil-kuntest tal-adozzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija, il-Programmi għall-fondi strutturali, kif ukoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF). L-Ungerija argumentat ukoll li, fir-rigward tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni Prattika tagħhom, il-Kummissjoni tista' tintervjeni wkoll permezz ta' proċedimenti ta' ksur.

5.3. Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (68) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-Ungerija li miżuri oħra tal-Unjoni jistgħu jiproteġu aħjar il-baġit tal-Unjoni. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-miżuri finanzjarji previsti fir-Regolament 1060/2021 (RDK)⁴², il-Kummissjoni tinnota li dawk il-miżuri huma min-natura tagħhom limitati għall-kamp ta' applikazzjoni u l-kriterji li jinsabu f'dak ir-regolament settorjali u ma jistgħux jiksbu l-protezzjoni preventiva u sistemika ġenerali li hija possibbli skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità. L-importanza ta' din id-dimensjoni preventiva ġenerali tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja⁴³. Fir-rigward tal-osservanza u l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet abilitanti minquxa fir-RDK, il-Kummissjoni l-ewwel

⁴¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

⁴² Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

⁴³ Ara s-sentenza tal-Qorti (Qorti Sħiħa) tas-16 ta' Frar 2022, *L-Ungerija vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, il-Kawża C-156/21, ECLI:EU:C:2022:97, il-paragrafi 262 u 266 b'mod partikolari.

nett tinnota li filwaqt li l-unika konsegwenza skont l-Artikolu 15 RDK tan-nuqqas li tiġi ssodisfata kundizzjoni abilitanti hija li l-Kummissjoni ma tirrimborsax in-nefqa ddikjarata, ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità jagħti kamp ta' applikazzjoni akbar ta' possibbiltajiet biex jiġi protett il-baġit tal-Unjoni, inkluża s-sospensjoni tal-approvazzjoni ta' programm wieħed jew aktar, kif ukoll is-sospensjoni tal-impenji taħt ġestjoni kondiwiża. Għall-kuntrarju tal-proċedura skont l-Artikolu 15 RDK, dan jinkludi wkoll il-prefinanzjament. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonijiet abilitanti li jistgħu jkunu ta' rilevanza f'dan il-każ, b'mod partikolari "Mekkaniżmi ta' monitoraġġ effettivi tas-suq tal-akkwist pubbliku" u "Applikazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali", huwa differenti minn dak tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità u huwa aktar restrittiv minnu.

- (69) Fir-rigward tal-proċedimenti ta' ksur li jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-interpretazzjoni tagħhom, il-premessa (17) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tiċċara li l-"leġiżlazzjoni" li għaliha jirreferi l-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, hija leġiżlazzjoni finanzjarja u speċifika għas-settur. Il-proċeduri ta' ksur, li mhumiex ibbażati fuq att leġiżlattiv iżda direttament fuq il-liġi primarja (l-Artikolu 258 TFUE), ma jistgħux jitqiesu bħala rilevanti fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità.
- (70) Fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-Regolament (UE) 2021/241 jinkludi dispożizzjonijiet marbuta mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni⁴⁴, li magħhom l-Istat Membru jrid jikkonforma meta jimplimenta miżuri taħt il-Faċilità. Barra minn hekk, ir-responsabbiltà primarja għall-konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali meta jiġu implimentati dawk il-miżuri tibqa' tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li l-Kummissjoni tista' tipproċedi għal miżuri korrettivi *ex post* f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-ftehim ta' self jew mill-ftehim ta' finanzjament f'konformità mal-Artikolu 22(5) ta' dak ir-Regolament. Aktar importanti minn hekk, l-RRP tal-Ungerija għadu ma ġiex adottat u l-kontenut u l-kapaċità tiegħu li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiddependu fuq il-miżuri attwali li se jkun fih, iżda wkoll fuq kif dawn il-miżuri se jiġu implimentati, mill-Ungerija.
- (71) Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-ebda proċedura oħra skont id-dritt tal-Unjoni ma tippermettilha tipproteġi l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv mill-proċedura stabbilita mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità.

6. OKUMMENTI ĠENERALI PPREŻENTATI MILL-UNGERIJA

- (72) Minbarra l-argumentippreżentati mill-Ungerija dwar il-kwistjonijiet speċifiċi mqajma mill-Kummissjoni, l-Ungerija ppreżentat ukoll kummenti ġenerali, li bihom hija kkontestat diversi elementi tal-proċedura. B'mod partikolari, hija argumentat li l-bidu mill-Kummissjoni tal-proċedura kontra l-Ungerija ma kienx ibbażat fuq raġunijiet fattwali jew legali suffiċjenti, li jikkontestaw b'mod partikolari l-affidabbiltà tas-sorsi użati mill-Kummissjoni. Hija argumentat ukoll li l-Kummissjoni ma żguratx in-nondiskriminazzjoni u t-trattament uguali fost l-Istati Membri, filwaqt li rreferiet b'mod partikolari għall-prestazzjoni ta' Stati Membri

⁴⁴ L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75.

oħra fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u r-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew dwar it-tisfih tal-qafas tal-akkwist pubbliku, l-istabbiliment ta' oqfsa kontra l-korruzzjoni u l-iżgurar tal-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni. Barra minn hekk, hija sostniet li l-Kummissjoni ma ħaditx debitament inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema legali tal-Ungerija, li tipprevedi marġni ta' diskrezzjoni fl-implementazzjoni tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt. Barra minn hekk, hija argumentat li l-prinċipji tad-drittijiet tad-difiża fi proċedimenti kriminali, kif ukoll fil-liġi tal-kompetizzjoni, għandhom japplikaw f'dan il-kuntest u li l-Kummissjoni ma rrispettatx dawn id-drittijiet.

- (73) Fit-tieni risposta tagħha, l-Ungerija kkritikat li l-ittra ta' intenzjoni tal-20 ta' Lulju kienet intbagħtet, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-14-il miżura korrettiva ppreżentati lill-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju. Għal 12 minn dawn il-miżuri, l-Ungerija impenjat ruħha li żżommhom inkondizzjonalment u indefinittivament. Għalhekk, hija argumentat li l-Kummissjoni kien imissha qieset dawn l-impenji fil-valutazzjoni tagħha qabel ma bagħtet dik l-ittra, b'mod partikolari wkoll minħabba li l-iskadenza stabbilita mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità ta' xahar biex tintbagħat l-ittra kienet indikattiva. Hija qieset ukoll li l-miżuri proposti b'referenza għall-abbozz tal-istadji importanti tal-RRP ipplanat tagħha kellhom jiġu aċċettati bħala miżuri ta' rimedju, bl-argument li la r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità u lanqas il-Linji Gwida tal-applikazzjoni tiegħu ma jirrikjedu forma speċifika li fiha jistgħu jiġu proposti miżuri ta' rimedju matul il-proċedura. Fuq din il-bażi, hija argumentat li l-Kummissjoni kienet qed tikser serjament il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru, kif ukoll tar-rekwiżit ta' valutazzjoni oġġettiva, imparzjali u ġusta stabbilita mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità.

LII-kummenti tal-Kummissjoni

- (74) Il-Kummissjoni tqis li l-argumenti ppreżentati mill-Ungerija huma infondati, billi l-Kummissjoni wettqet valutazzjoni kwalitattiva bir-reqqa li hija oġġettiva, imparzjali, ġusta u li tirrispetta l-ugwaljanza bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni qieset kif xieraq l-informazzjoni minn diversi sorsi disponibbli⁴⁵, biex tidentifika, tagħmel kontroverifika u tivvaluta l-ksur rilevanti tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, f'konformità mar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea⁴⁶, inkluża l-informazzjoni ppreżentata mill-Ungerija fit-tweġiba tagħha għat-talba għal informazzjoni. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tenfasizza li l-valutazzjoni ta' kull każ, il-firxa u l-ambitu tal-evidenza, titwettaq fuq il-merti tagħha stess, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Filwaqt li huwa minnu li meta wieħed iħares lejn indikaturi uniċi, Stati Membri oħra jistgħu f'xi każijiet imorru agħar mill-Ungerija fir-rigward ta' ċerti aspetti, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija valutazzjoni kwalitattiva komprensiva, li tqis il-kuntest legali u istituzzjonali rilevanti, li tiġbor flimkien informazzjoni, indikaturi u kummenti minn diversi sorsi biex tiffirma stampa aktar kompluta tas-sitwazzjoni fl-Ungerija milli jistgħu jipprovdu indikaturi uniċi.

⁴⁵ Dawk is-sorsi ġew indikati fin-noti f'qiegħ il-paġna u fl-annessi tan-notifika u tal-ittra ta' intenzjoni u huma aċċessibbli għall-pubbliku.

⁴⁶ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Frar 2022, *I-Ungerija vs Il-Parlament u l-Kunsill*, C-156/21, ECLI:EU:C:2022:97; Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Frar 2022, *Il-Polonja vs Il-Parlament u l-Kunsill*, C-157/21, ECLI:EU:C:2022:98.

- (75) In-notifika, kif ukoll l-ittra ta' intenzjoni ċċaraw li l-kontinwazzjoni tal-kwistjonijiet fuq aktar minn għaxar snin tindika li hemm riskju kontinwu għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, u nuqqas persistenti mill-awtoritajiet pubbliċi Ungeriżi li jipprevjenu jew jikkoreġu dak il-ksur u jipproteġu b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni qieset li sakemm ma jittiħdux aktar miżuri biex il-kwistjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv bħala kwistjoni ta' urġenza, ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi li s-sitwazzjoni se titjieb b'mod sinifikanti.
- (76) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni rrispettat kif xieraq id-drittijiet tad-difiża tal-Ungerija, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, kif ukoll il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, billi ddikjarat b'mod ċar it-tħassib u r-raġunijiet tagħha għall-bidu tal-proċedura, ipprovdiet lill-Ungerija l-possibbiltà li tippreżenta l-kummenti tagħha f'kull stadju tal-proċedura u qieset kif xieraq il-kummenti ppreżentati mill-Ungerija, kif ukoll il-miżuri ta' rimedju li pproponiet fl-ewwel u t-tieni tweġiba tagħha.
- (77) Fir-rigward tal-miżuri jew l-azzjonijiet li l-Ungerija pproponiet fid-19 ta' Lulju 2022, l-argumenti ppreżentati mill-Ungerija huma infondati għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, il-miżuri ta' rimedju ma ġewx proposti mal-kummenti dwar l-ittra ta' notifika u fil-limitu ta' żmien speċifikat f'dik l-ittra ta' notifika, kif previst fl-Artikolu 6(5) u (9) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, iżda aktar tard fil-proċess. It-tieni nett, il-fatt li l-limitu ta' żmien fl-Artikolu 6(6) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità huwa indikattiv ma jfissirx li l-Kummissjoni hija marbuta li testendih bla bżonn. Estensjoni bħal din hija possibbli meta din tkun iġġustifikata biex jiġu analizzati l-kummenti u l-adegwatezza tal-miżuri ta' rimedju, li jridu jiġu ppreżentati fi żmien xieraq. Il-Kummissjoni stiednet lill-Ungerija fl-ittra ta' intenzjoni biex tippreżenta mill-aktar fis possibbli aktar dettalji dwar il-miżuri ta' rimedju proposti, kemm dwar in-natura tagħhom kif ukoll dwar l-istrumenti differenti li jistgħu jintużaw biex dawn jitmexxew 'il quddiem. B'mod partikolari fir-rigward tal-miżura ta' rimedju rilevanti għall-emenda tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet ta' prosekuzzjoni, li kienet qed tiġi diskussa fil-kuntest tal-RRP, il-Kummissjoni ddikjarat b'mod ċar li l-Kummissjoni kellha diversi riżervi dwar aspetti tekniċi li setgħu jikkompromettu l-effettività tiegħu. Għalhekk, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma kellha ebda raġuni għalfejn tittardja l-ittra ta' intenzjoni. Fl-aħħar nett, dawk il-miżuri ta' rimedju issa huma kompletament issostitwiti b'dawk ippreżentati formalment fit-tieni tweġiba, inklużi l-impenji addizzjonali inklużi fl-ittra ta' Settembru.
- (78) Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat b'mod ċar fl-ittra ta' intenzjoni tagħha li biex jitqiesu adegwati għall-fini tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, il-miżuri ta' rimedju, inkluż l-abbozz ta' leġislazzjoni fejn xieraq, jenħtieġ li jiġu proposti mingħajr kundizzjonijiet fil-qafas tal-proċedura skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, u jkunu preċiżi biżżejjed f'termini ta' kontenut u skeda ta' żmien tal-implimentazzjoni, kif ukoll ma jkunux limitati fiż-żmien. F'ħafna każijiet, l-ewwel tweġiba kienet tinkludi referenzi għal proposti kkunsidrati fil-kuntest tal-abbozz tal-RRP Ungeriż. Sempliċi referenzi għall-abbozz tal-istadji importanti tal-Pjan ta' Rikupru u Reżiljenza (Recovery and Resilience Plan, RRP) ma jistgħux jitqiesu bħala miżuri ta' rimedju ppreżentati fil-kuntest tal-proċedura skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità skont l-Artikolu 6(5) tiegħu. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tivvaluta jekk dawn ikunux adegwati biex

jindirizzaw is-sejbiet stabbiliti fin-notifika, sabiex tqishom fil-miżuri li pproponiet bl-ittra ta' intenzjoni tagħha.

7. MIŻURI TA' RIMEDJU PPREŻENTATI MILL-UNGERIJA U ANALIŻI TAL-ADEGWATEZZA TAGĦHOM SKONT IR-REGOLAMENT DWAR IL-KONDIZZJONALITÀ

7.1. Miżuri ta' rimedju ppreżentati mill-Ungerija

- (79) F'konformità mal-Artikolu 6(6) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, “[il-]Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni riċevuta u kwalunkwe kumment magħmula mill-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll l-adegwatezza ta' kwalunkwe miżura ta' rimedju proposta, meta tiddeċiedi jekk tippreżentax proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar il-miżuri xierqa.”
- (80) Fl-ewwel tveġiba tagħha, u l-ittri addizzjonali tat-30 ta' Ġunju u tal-5 ta' Lulju 2022, l-Ungerija ma ppreżentatx miżuri ta' rimedju adegwati, impenjati b'mod xieraq skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità.
- (81) Fid-19 ta' Lulju 2022, l-Ungerija bagħtet ittra addizzjonali li tipproponi għadd ta' miżuri ta' rimedju biex tindirizza s-sejbiet fin-notifika, li minħabba s-sottomissjoni f'dak l-istadju tard ħafna fil-proċess, ma setgħux jitqiesu għall-valutazzjoni tal-ewwel tveġiba.
- (82) Fit-tieni tveġiba tagħha, l-Ungerija ppreżentat għadd ta' miżuri ta' rimedju, li jikkomplementawhom b'impenji addizzjonali fl-ittra ta' Settembru, u argumentat li dawn jindirizzaw b'mod adegwat il-kwistjonijiet kollha msemmija mill-Kummissjoni fin-notifika. Dawn il-miżuri ta' rimedju huma:
- i. It-tisħiħ tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-illegalitajiet u l-irregolaritajiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni permezz ta' Awtorità ta' Integrità li għadha kif ġiet stabbilita;
 - ii. It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni;
 - iii. It-tisħiħ tal-Qafas Kontra l-Korruzzjoni;
 - iv. L-iżgurar tat-trasparenza tal-użu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku;
 - v. L-introduzzjoni ta' proċedura speċifika fil-każ ta' reati speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew il-ġestjoni ta' proprjetà pubblika;
 - vi. It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' awditjar u kontroll biex jiġi garantit l-użu tajjeb tal-appoġġ tal-UE;
 - vii. It-tnaqqis tas-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni;
 - viii. It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'offerti uniċi ffinanzjati mill-baġit nazzjonali;
 - ix. L-iżvilupp ta' għodda ta' rapportar ta' offerta unika għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar akkwisti pubbliċi magħluqa b'offerti uniċi;
 - x. L-iżvilupp tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (Electronic Public Procurement System, EPS) biex tiżdied it-trasparenza;
 - xi. L-iżvilupp ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni li jivvaluta l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi;

- xii. L-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni biex jiżdied il-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku;
- xiii. Taħriġ li għandu jiġi pprovdut għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju dwar il-prattiki tal-akkwist pubbliku;
- xiv. It-twaqqif ta' skema ta' appoġġ għall-kumpens tal-ispejjeż assoċjati mal-parteeipazzjoni fl-akkwist pubbliku ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;
- xv. L-applikazzjoni ta' ARACHNE;
- xvi. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-OLAF; kif ukoll
- xvii. Adozzjoni ta' att leġiżlattiv li jiżgura trasparenza mtejbja tal-infiq pubbliku

7.2. Valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-miżuri ta' rimedju

- (83) Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-Ungerija ppreżentat miżuri ta' rimedju biex tindirizza l-kwistjonijiet imqajma fin-notifika fir-rigward ta' irregolaritajiet sistemiċi, nuqqasijiet u dgħufijiet fl-akkwist pubbliku, riskji ta' kunflitti ta' interess, u tħassib dwar it-trusts ta' interess pubbliku, kif ukoll ir-raġunijiet addizzjonali rigward l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, il-qafas kontra l-korruzzjoni. B'mod ġenerali, l-Ungerija impenjat ruħha (kif imsemmi fit-tieni tveġiba tagħha) li żżomm fis-seħħ mingħajr kundizzjonijiet il-miżuri ta' rimedju (u l-leġiżlazzjonijiet relatati) mingħajr ebda limitu ta' żmien u li tinforza kif xieraq ir-regoli stabbiliti fihom.
- (84) Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-miżuri ta' rimedju proposti, il-Kummissjoni tqis li billi l-kwistjonijiet speċifiċi identifikati fl-Ungerija jikkonċernaw kemm il-qafas legali kif ukoll, fil-biċċa l-kbira, il-prattika, l-adegwatezza tagħhom biex jiksbu l-għan tagħhom li jtemmu l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u/jew ir-riskji tagħhom għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ma jistgħux jiġu evalwati kif xieraq mingħajr għarfien sħiħ tad-dettalji tal-miżuri konkreti u qabel ma ċerti elementi ewlenin jiġu implimentati b'mod effettiv. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li l-Ungerija tieħu aktar dettalji u passi ewlenin għal ħafna mill-miżuri ta' rimedju proposti msemija hawn fuq sad-19 ta' Novembru 2022 (meta huwa previst il-bidu tal-operazzjonijiet tal-Awtorità tal-Integrità), kif indikat fl-iskedi ta' żmien tal-miżuri ta' rimedju ppreżentati mill-Ungerija fit-22 ta' Awwissu⁴⁷.

7.2.1. Valutazzjoni għal kull miżura ta' rimedju

i. L-Awtorità tal-Integrità

- (85) Il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li jstabbilixxi Awtorità ta' Integrità bil-għan li jsaħħaħ il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.
- (86) Din hija miżura ta' rimedju fundamentali mmirata biex tindirizza l-kwistjonijiet u r-raġunijiet addizzjonali msemija hawn fuq (ara t-Taqsimiet 2 u 3). Il-miżura ta' rimedju proposta fiha regoli speċifiċi dwar il-ħatra tal-bord tal-Awtorità tal-Integrità u dwar l-involvement ta' "kumitat tal-eliġibbiltà"⁴⁸ bl-għan li jiggarrantixxi li l-Awtorità tal-Integrità u l-membri tal-bord tagħha jkunu kompletament indipendenti: dawn jintgħażlu wara sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet fuq il-bażi tal-kwalitajiet

⁴⁷ Kalendarju tal-passi ewlenin sad-19 ta' Novembru jinsab fl-Anness tal-memorandum ta' spjegazzjoni.

⁴⁸ F'konformità mal-impenn fl-ittra ta' Settembru, il-kumitat ta' eliġibbiltà se jintgħażel wara sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess, li dwarha se tiġi kkonsultata l-Kummissjoni.

professjonali tal-kandidati, il-kwalifiki tagħhom, l-esperjenza u r-reputazzjoni estensivi u mhux ikkontestati tagħhom — inkluż internazzjonalment — fi kwistjonijiet legali u finanzjarji li jikkonċernaw l-akkwist pubbliku u l-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kompetenza ppruvata tagħhom f'dawn l-oqsma⁴⁹. Il-membri tal-bord jinħatru biss wara opinjoni vinkolanti tal-kumitat tal-eliġibbiltà. Kemm il-membri tal-kumitat tal-eliġibbiltà kif ukoll il-membri tal-bord se jkunu soġġetti għal regoli stretti dwar il-kunflitt ta' interess. L-Awtorità tal-Integrità se tingħata wkoll setgħat estensivi, inklużi dawn li ġejjin: is-setgħa li tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet kontraenti biex jissospendu proċedura ta' akkwist (għal massimu ta' xahrejn); is-setgħa li titlob lill-korpi investigattivi amministrattivi biex iwettqu investigazzjonijiet; is-setgħa li tirrakkomanda l-esklużjoni ta' operatori ekonomiċi speċifiċi mill-finanzjament tal-Unjoni għal ċertu perjodu ta' żmien; is-setgħa li tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet jew lill-korpi nazzjonali rilevanti biex iwettqu l-funzjonijiet superviżorji jew ta' kontroll tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess u s-suspetti fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni; id-dritt li titlob aċċess għall-fajls rilevanti kollha, inkluż dwar proċeduri ta' akkwist pubbliku li għaddejjin jew li ġejjin; is-setgħa li tirrakkomanda lill-awtoritajiet kontraenti biex jużaw proċedura speċifika f'akkwist speċifiku jew f'kategorija ta' proċeduri ta' akkwist; id-dritt li jinbdew proċeduri quddiem l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali rilevanti bil-għan li jiġu stabbiliti illegalitajiet jew irregolaritajiet suspettati; il-kompetenza biex jiġu vverifikati d-dikjarazzjonijiet tal-assi⁵⁰; id-dritt li jintalab rieżami ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet kollha tal-awtoritajiet li jikkonċernaw il-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolve kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni u li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, eċċ. L-Awtorità se toħroġ ukoll rapporti annwali dwar l-attivitajiet tagħha, li jinkludu, fost l-oħrajn, analiżi tal-konċentrazzjoni tal-ġhotijiet, valutazzjoni tal-prattika tal-użu ta' ftehimiet qafas, analiżi ta' kif is-sistema ta' kontroll fis-seħħ tgħin biex jiġu identifikati u evitati b'mod effettiv ir-riskji ta' korruzzjoni, frodi u kunflitt ta' interess (u kif jiġu identifikati u indirizzati każijiet bħal dawn; rakkomandazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet identifikati. Ir-rapport annwali se jiġi ppubblikat u l-Gvern se jkollu l-obbligu li jispjega bil-miktub kif se jindirizza s-sejbiet tal-Awtorità tal-Integrità. Fl-aħħar nett, il-miżura ta' rimedju proposta fiha wkoll skeda ta' żmien dettaljata b'passi ta' implimentazzjoni differenti inkluża l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni u tal-OECD dwar l-abbozz ta' test/testi leġiżlattivi/leġiżlattivi li se jistabbilixxi/jistabbilixxu l-Awtorità ta' Integrità u jkun fih

⁴⁹ L-ittra ta' Settembru fiha wkoll kjarifiki dwar il-pakkett ta' remunerazzjoni li huwa previst għall-membri tal-bord tal-Awtorità tal-Integrità bħala mezz ieħor biex tiġi ggarantita l-indipendenza tagħhom.

⁵⁰ Kif impenjat ruħha l-Ungerija fl-ittra ta' Settembru, dan jinkludi s-setgħa li tivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-assi pubbliċi tal-uffiċjali kollha b'riskju għoli u, f'dan ir-rigward, ikollha aċċess għal bażijiet tad-data u reġistri rilevanti għall-fini ta' verifika tal-assi tad-dikjaranti f'konformità mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza. L-Ungerija ċċarat ukoll li dawn l-impenji jikkomplementaw ir-regoli diġà eżistenti dwar id-dikjarazzjoni tal-assi li jkopru b'mod estensiv pożizzjonijiet oħra, inklużi uffiċjali pubbliċi, segretarji permanenti tal-istat, deputati segretarji tal-istat, konsulenti politiċi u kapijiet konsulenti politiċi, konsulenti tal-gvern u ministerjali u konsulenti kapijiet, uffiċjali tal-gvern li għandhom pożizzjoni eżekuttiva, uffiċjali tal-gvern soġġetti għal kontroll tas-sigurtà nazzjonali fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni, nutara pubbliċi, bailiffs, mexxejja tal-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp, mexxejja tal-Immaniġġar tal-Assi Nazzjonali Ungeriż Inc., uffiċjali u membri tal-bord superviżorju ta' organizzazzjonijiet ekonomiċi li joperaw b'parteċipazzjoni azzjonarja ta' stat maġġoritarju, imħallfin, prosekuturi pubbliċi, membri tal-gvernijiet lokali. Iċċarat ukoll li r-regoli applikabbli għall-membri tal-Assemblea Nazzjonali japplikaw għall-Prosekutur Ġenerali u d-deputat tiegħu/tagħha.

aktar dettalji meħtieġa dwar l-elementi ta' hawn fuq. Il-bidu tal-operazzjonijiet tal-Awtorità tal-Integrità, li huwa pass ewlieni ta' implimentazzjoni għal din il-miżura ta' rimedju, kif stabbilit fl-Anness, huwa previst fid-19 ta' Novembru 2022.

- (87) Minħabba l-importanza tal-Awtorità bħala element kostitwenti ġdid fil-governanza tas-sistema, jekk ikun speċifikat b'mod korrett f'regoli dettaljati u implimentat kif xieraq kif previst fil-miżura ta' rimedju ppreżentata mill-Ungerija (inklużi l-impenji ulterjuri inklużi fl-ittra ta' Settembru), b'mod li jiżgura indipendenza sħiħa u setgħat effettivi fil-post fir-rigward tal-proċeduri kollha li jistgħu fil-fatt jew potenzjalment jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Awtorità tal-Integrità tikkontribwixxi biex fil-prinċipju jiżdied il-livell ta' kompetizzjoni fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji ta' kunflitt ta' interess, u b'mod aktar ġenerali t-tisħiħ tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u irregolaritajiet oħra bi ksur tad-dritt tal-Unjoni fis-sistema Ungeriża tal-akkwist pubbliku, għall-benefiċċju ta' użu aktar sod u effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni. L-Awtorità tal-Integrità se tiddependi fuq il-fatti stabbiliti minn deċiżjonijiet ġudizzjarji, se tkun tista' tissekwestra l-qrati, u d-deċiżjonijiet tagħha stess se jkunu soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tilqa' l-impenn addizzjonali tal-Ungerija fl-ittra ta' Settembru li l-qrati kollha fl-Ungerija li jisimgħu kawżi ċivili, amministrattivi u kriminali inklużi dawk rilevanti għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-indipendenza, l-imparzjalità u li jkunu stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-acquis rilevanti tal-UE.

ii. It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni;

- (88) Il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li jistabbilixxi Task Force Kontra l-Korruzzjoni sal-1 ta' Diċembru 2022 bil-kompiti li ġejjin: a) teżamina l-miżuri eżistenti kontra l-korruzzjoni u telabora proposti dwar it-titjib tad-detezzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonar ta' prattiki korrotti, b) tipproponi miżuri mmirati lejn it-titjib tal-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-korruzzjoni, c) tabbozza rapport annwali li janalizza r-riskji u x-xejriet tal-korruzzjoni u l-prattiki korrotti, tipproponi kontromiżuri effettivi u l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni effettiva tagħhom u tivvalutahom. Il-Gvern għandu jiddiskuti r-rapport u l-proposti inklużi fih f'żmien xahrejn u jekk ma jiddeċidix dwar proposta, għandu jibgħat motivazzjoni dettaljata għad-deċiżjoni tiegħu lill-president tat-Task Force. Il-qafas regolatorju tat-Task Force se jiġi inkluż fl-Att li jistabbilixxi l-Awtorità tal-Integrità (ara l-miżura ta' rimedju i, deskritta hawn fuq) u l-president tal-Awtorità tal-Integrità se jkun il-president tat-Task Force. L-atturi mhux governattivi rilevanti, li huma evidentement indipendenti mill-gvern, l-awtoritajiet pubbliċi, il-partiti politiċi u l-interessi kummerċjali, ippruvati li huma attivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni ser ikunu involuti fl-attivitajiet tat-Task Force u se tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa, strutturata u effettiva tagħhom: l-għadd ta' tali membri għandu jammonta għal 50 % tal-membri tat-Task Force, il-president eskluż, u se jkollhom id-dritt li jabbozzaw rapport parallel. Jekk ir-rappreżentanza ta' 50 % ma tkunx tista' tinkiseb, is-setgħa tal-vot ta' tali membri għandha tiġi modulata sabiex jintefgħu 50 % tal-voti, u l-president jiġi eskluż. It-Task Force għandha tagħmel l-ewwel laqgħa tagħha qabel il-15 ta' Diċembru 2022. Hija għandha tadotta l-ewwel rapport tagħha għas-sena 2022 u tibgħatu lill-Gvern sal-15 ta' Marzu 2023. It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Gvern 1337/2022 tal-15 ta' Lulju 2022 għandha titwaqqaf u d-Deċiżjoni tal-Gvern titħassar. Id-Deċiżjoni tal-Gvern li tħassar dik preċedenti u li

tipprevedi l-iskeda ta' żmien u l-kompitu għall-istabbiliment tal-Awtorità għall-Integrità u t-Task Force Kontra l-Korruzzjoni hija element ewlieni għal din il-miżura. Bl-istess mod, il-preżentazzjoni lill-Assemblea Nazzjonali ta' abbozz ta' Att dwar l-istabbiliment tal-Awtorità sat-30 ta' Settembru 2022 hija pass ewlieni ta' implimentazzjoni għal din il-miżura ta' rimedju, kif stabbilit fl-Anness, billi se tistabbilixxi l-qafas regolatorju għat-Task Force.

- (89) Il-Kummissjoni tinnota b'mod pożittiv li l-miżura ta' rimedju għandha l-għan li tiżgura parteċipazzjoni sħiħa, strutturata u effettiva ta' atturi mhux governattivi verament attivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni flimkien mar-rappreżentanti tal-gvern, li huwa element ewlieni għall-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Ungerija timpenja ruħha għal konsultazzjonijiet estensivi u sinifikanti mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali u internazzjonali, inkluża l-Kummissjoni matul it-tħejjija tal-abbozz ta' leġislazzjoni. Jekk tiġi speċifikata b'mod korrett fir-regoli dettaljati u implimentata kif xieraq, din il-miżura ta' rimedju se tndirizza fil-prinċipju l-kwistjonijiet imqajma fir-rigward tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jew is-sanzjonar ineffettivi ta' ksur tal-liġi marbut mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll dawk relatati ma' dgħufijiet sistemiċi tas-sistema tal-akkwist pubbliku.

iii. It-tisħiħ tal-Qafas kontra l-korruzzjoni

- (90) B'din il-miżura ta' rimedju (inklużi l-impenji addizzjonali fl-ittra ta' Settembru), il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li sat-30 ta' Settembru 2022 jadotta strateġija kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni li jiddefinixxu l-kompiti tal-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe appoġġ finanzjarju tal-Unjoni fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-kunflitt ta' interess u l-korruzzjoni. L-istrateġija għandhom jinkludu l-valutazzjoni tar-riskji, il-fatturi u l-prattiki ewlenin ta' frodi, kunflitt ta' interess, u korruzzjoni. Il-Gvern Ungeriż jimpenja ruħu wkoll li jadotta Strateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (National Anti-Corruption Strategy, NACS) u Pjan ta' Azzjoni (PA) ġodda sat-30 ta' Ġunju 2023, b'attenzjoni speċjali mogħtija lit-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali u normattiv għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli permezz tat-tisħiħ tat-trasparenza tal-ħidma tal-awtoritajiet pubbliċi inkluż fil-livell politiku għoli. It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni se tkun involuta fit-tħejjija tal-NACS u l-PA kif ukoll fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom. Skont l-impenji fl-Ittra ta' Settembru, il-PA għandu jinkludi azzjonijiet speċifiċi mmirati lejn l-introduzzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2023 ta' reġim ta' sanzjonar effettiv, proporzjonat u dissważiv, inklużi sanzjonijiet amministrattivi u kriminali fir-rigward ta' ksur serju relatat mal-obbligi taħt is-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi. L-Ungerija timpenja ruħha wkoll li sat-30 ta' Ġunju 2023 timplimenta bis-sħiħ l-azzjonijiet kollha tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni għall-perjodu 2020-2022. Fl-ittra ta' Settembru, l-Ungerija ħadet ukoll impenji ulterjuri dwar l-ambitu personali u materjali tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. F'dan ir-rigward, l-Ungerija impenjat ruħha li tippreżenta lill-Assemblea Nazzjonali abbozz ta' leġislazzjoni (li għandu jkun effettiv mill-1 ta' Novembru 2022) li għandha testendi l-kamp ta' applikazzjoni personali tas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi għal (i) persuni fdati b'funzjonijiet politiċi għolja skont l-Artikoli 183 u 184 tal-Att CXXV tal-2018 dwar l-amministrazzjoni tal-gvern u l-qraba tagħhom li jgħixu fl-istess unità domestika mal-persuna kkonċernata, u (ii) membri tal-Assemblea Nazzjonali u l-qraba tagħhom li jgħixu fl-istess unità domestika mal-persuna kkonċernata. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni materjali, l-Ungerija impenjat ruħha li twessgħu biex tinkludi mhux biss id-dħul iżda

wkoll l-assi⁵¹. Barra minn hekk, bl-ittra ta' Settembru, l-Ungerija impenjat ruħha li tistabbilixxi (sal-31 ta' Marzu 2023) sistema ta' dikjarazzjonijiet tal-assi ppreżentati elettronikament f'format diġitali, li għandha tinħażen f'bażi tad-*data* li tkun tista' tiġi aċċessata mingħajr ħlaq u mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni. Barra minn hekk, fl-ittra ta' Settembru, l-Ungerija impenjat ruħha wkoll għal konsultazzjonijiet estensivi mal-Kummissjoni matul it-tħejjija tal-abbozz ta' leġislazzjoni kollu relatat mal-punti ta' hawn fuq. Fl-aħħar nett, l-Awtorità tal-Integrità se tingħata l-kompitu li tirrevedi l-qafas regolatorju u l-funzjonament tas-sistema tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, inkluż l-ambitu u l-proċessi ta' verifika tagħha, li għandhom jiġu inklużi f'rapport sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-passi ewlenin għal din il-miżura ta' rimedju, kif stabbilit fl-Anness, huma l-adozzjoni ta' strateġiji effettivi kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni sat-30 ta' Settembru 2022, kif ukoll l-adozzjoni mill-Assemblea Nazzjonali tar-regoli dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tad-dikjarazzjonijiet tal-assi kif deskritt fil-miżura ta' rimedju u fl-ittra ta' Settembru, effettiva fl-1 ta' Novembru 2022.

- (91) Fil-fehma tal-Kummissjoni, din il-miżura ta' rimedju, ikkomplementata mill-impenji addizzjonali fl-ittra ta' Settembru, tinkludi ħafna elementi pożittivi bħall-impenj għall-adozzjoni ta' strateġiji kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni li jkopru wkoll il-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni u l-preżentazzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-istrateġija attwali kontra l-korruzzjoni 2020-2022, it-tweessigh tal-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, l-introduzzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi għas-sanzjonijiet biex tiżdied it-trasparenza tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. F'dan ir-rigward, il-bażi ta' *data* msemmija hawn fuq jenħtieġ li tkun pubblikament aċċessibbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Awtorità tal-Integrità jkollha s-setgħa li tniedi proċess ta' verifika tal-assi anki b'inizjattiva tagħha stess fil-każijiet kollha. B'mod ġenerali, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, jekk tiġi speċifikata b'mod korrett fir-regoli dettaljati u implimentata kif xieraq, din il-miżura ta' rimedju se tindirizza fil-prinċipju l-kwistjonijiet imsemmija fir-rigward tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jew is-sanzjonar ineffettivi ta' ksur tal-liġi marbut mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll dawk relatati ma' dgħufijiet sistemiċi tas-sistema tal-akkwist pubbliku.

iv. Fondazzjonijiet ta' Ġestjoni ta' Interess Pubbliku (jew Trusts ta' Interess Pubbliku)

- (92) B'din il-miżura ta' rimedju, il-Gvern Ungeriż impenja ruħu sat-30 ta' Settembru 2022 għal a) l-adozzjoni ta' att emendatorju biex jiżgura l-applikazzjoni ġeneralizzata tar-regoli tal-akkwist pubbliku għall-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku li jwettqu attività ta' interess pubbliku u persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom, b) jadotta att emendatorju sabiex jiżgura konformità sħiħa mal-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju kif ukoll allinjament tal-istruzzjonijiet u l-prattika mal-avviż ta' Gwida tal-Kummissjoni dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess skont ir-Regolament Finanzjarju, sabiex itejjeb u jiċċara r-regoli ġenerali dwar il-kunflitti ta' interess relatati mal-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku. Il-pass ewleni tal-implimentazzjoni għal din il-

⁵¹ F'dan ir-rigward, l-ittra ta' Settembru ssemmi l-proprietajiet immoblijarji; proprietajiet oħra ta' valur (vetturi, bastimenti, antikitet ta' valur u xogħlijiet tal-arti, eċċ.); tfaddil f'depożiti bankarji u fi flus kontanti; assi fi stokks, titoli u fondi ta' ekwità privata; poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja; it-trusts, u s-sjieda benefiċjarja tal-intrapriżi.

miżura ta' rimedju, kif stabbilit fl-Anness, huwa l-adozzjoni taż-żewġ atti emendatorji msemmija hawn fuq sat-30 ta' Settembru 2022.

- (93) Il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' rimedju proposta mill-Ungerija, jekk tiġi speċifikata b'mod korrett f'regoli dettaljati u implimentata kif xieraq, tkun kapaċi tindirizza fil-prinċipju l-kwistjonijiet imqajma, billi tippermetti l-applikazzjoni ġeneralizzata u inkondizzjonata tar-regoli tal-akkwist pubbliku għat-trusts ta' interess pubbliku u l-entitajiet miżmuma jew ġestiti minnhom (jiġifieri kollha kemm huma jitqiesu bħala awtoritajiet kontraenti għall-finijiet tar-regoli tal-akkwist pubbliku), u billi l-miżura ta' rimedju tistabbilixxi regoli ċari dwar il-kunflitt ta' interess għal tali entitajiet u l-membri tal-bord tagħhom.

v. Rieżami ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-prosekuturi

- (94) Il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li jemenda l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali bil-għan li jistabbilixxi proċedura li tikkonċerna reati kriminali speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew mal-ġestjoni ta' proprjetà pubblika. Il-proċedura tipprevedi l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tas-servizz tal-prosekuzzjoni jew tal-awtorità investigattiva li tiċħad rapport ta' reat jew ittemm il-proċedimenti kriminali (jiġifieri li tagħlaq investigazzjoni kriminali mingħajr akkuża). Fuq il-bażi tar-rieżami, imħallef inkwirenti jkollu l-awtorità li jordna l-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-proċedimenti kriminali. Il-proċedura tista' tinbeda minn kwalunkwe persuna; persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jippreżentaw mozzjonijiet skont din il-proċedura bl-eċċezzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi. Il-proċedura tista' eventwalment twassal ukoll għall-possibbiltà li jiġi ppreżentat att ta' akkuża quddiem qorti.
- (95) Il-Kummissjoni tinnota li l-Ungerija inkludiet fil-miżura ta' rimedju (u fl-impenji addizzjonali relatati meħuda bl-ittra ta' Settembru) diversi elementi relatati mal-proċedura l-ġdida ta' rieżami ġudizzjarju kontra d-deċiżjonijiet tal-prosekuturi, bħall-possibbiltà li entitajiet ġuridiċi (jiġifieri mhux biss persuni fiżiċi) jibdwu din il-proċedura, pożizzjoni proċedurali privileġġata garantita għall-persuna li tirrapporta reat, referenza għall-fatt li l-kompetenza esklużiva biex jinstemgħu l-każijiet skont il-proċedura l-ġdida se tiġi attribwita lil qorti speċjalizzata (jiġifieri l-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda), referenza għall-fatt li l-qrati kollha u l-imħallfin investigattivi involuti fil-proċedura l-ġdida se jkunu konformi mal-Artikolu 19 tat-TUE u l-acquis rilevanti tal-UE, u perjodu ta' żmien raġonevoli għall-proċedura b'mod ġenerali, li jiżgura l-effettività tagħha. Hija impenjat ruħha wkoll li tikkonsulta b'mod estensiv lill-Kummissjoni dwar l-abbozz tat-test leġiżlattiv li se jiġi propost għall-adozzjoni f'konformità mal-miżura ta' rimedju, li se jkun fih aktar dettalji importanti li huma rilevanti għall-valutazzjoni. F'dan il-kuntest, l-abbozz ta' liġi jkun jirrikjedi wkoll b'mod partikolari li l-qorti tal-proċess ma tiddeċidix dwar il-merti tal-att ta' akkuża mingħajr ma tkun ikkunsidrat evidenza. L-Ungerija timpenja ruħha li twettaq rieżami dwar il-funzjonament tal-proċedura mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 u jekk meħtieġ li tadotta emendi għall-qafas leġiżlattiv (wara konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea) mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024. Il-passi ta' implimentazzjoni ewlenin u aktar dettalji dwar din il-miżura ta' rimedju, kif stabbilit fl-Anness, huma l-finalizzazzjoni u l-adozzjoni tal-abbozz tat-test tar-regolamenti ta' implimentazzjoni (meħtieġa għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' rieżami) sal-31 ta' Ottubru 2022⁵², il-bidu ta' rieżami *ex ante* tal-liġi mill-Qorti Kostituzzjonali u d-dħul

⁵²

Dawn ir-regolamenti se jkunu meħtieġa ladarba l-liġi tiġi adottata.

fis-seħħ tal-liġi l-ġdida li temenda l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali sal-15 ta' Novembru 2022.

- (96) Il-fehma tal-Kummissjoni hija li l-miżura ta' rimedju ppreżentata mill-Ungerija fiha diversi elementi li għandhom l-għan li jiżguraw l-effettività tal-proċedura. Barra minn hekk, l-Ungerija impenjat ruħha li tirrevedi l-proċedura fi żmien raġonevoli. Madankollu, dan ikollu jiġi kkonfermat ladarba d-dettalji tal-abbozz tal-leġiżlazzjoni rilevanti jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni u rieżaminati minnha. Jekk tiġi speċifikata b'mod korrett fir-regoli dettaljati u implimentata kif xieraq, din il-miżura ta' rimedju se tndirizza fil-prinċipju l-kwistjonijiet imqajma fir-rigward tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jew is-sanzjonar ineffettivi ta' ksur tal-liġi marbut mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll dawk relatati ma' dgħufijiet sistemiċi tas-sistema tal-akkwist pubbliku.

vi. It-tisħiħ tal-mekkaniżmi tal-awditjar u tal-kontroll għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni

- (97) B'din il-miżura ta' rimedju, il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li jistabbilixxi grupp ta' ħidma sal-31 ta' Awwissu 2022 biex jiżviluppa dispożizzjonijiet, li għandhom jiġu inklużi fid-Digriet tal-Gvern rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni (pereż. RRF, Fondi taħt ġestjoni kondiviża eċċ.) li għandhom l-għan li jsaħħu r-regoli u l-proċeduri biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu b'mod aktar effettiv il-kunflitt ta' interess f'konformità mad-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju u jżidu l-kapaċitajiet proċedurali tal-awtoritajiet maniġerjali u tal-korpi intermedji, u tal-awtorità nazzjonali tal-implimentazzjoni tal-RRP Ungeriż biex japplikaw ġestjoni u prevenzjoni tar-riskju msaħħa, detezzjoni u korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u finanzjament doppju u jżommu u jinfurzwaw dawk id-dispożizzjonijiet mingħajr kundizzjonijiet għal perjodu ta' żmien illimitat. Id-dispożizzjonijiet għandhom jiżguraw ukoll mekkaniżmu ta' kontroll effettiv fuq il-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess. Il-grupp ta' ħidma għandu jikkonsulta b'mod estensiv mal-Kummissjoni responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni bil-ħsieb li jikseb l-opinjoni tagħhom u jikkunsidraha fid-Digriet tal-Gvern rilevanti. Barra minn hekk, fl-ittra ta' Settembru l-Ungerija impenjat ruħha li tipprovdi r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa lill-EUTAF, li għandhom jiġu speċifikati aktar mill-grupp ta' ħidma stabbilit b'din il-miżura ta' rimedju, li tiggarantixxi l-użu tajjeb tal-appoġġ tal-Unjoni, li tissalvagwardja l-indipendenza tagħha u li tkun tista' twettaq il-kompiti attwali tagħha u l-kompiti addizzjonali previsti li jiġu allokat liha minn għadd ta' miżuri ta' rimedju ppreżentati mill-Ungerija fit-22 ta' Awwissu 2022. Il-passi ewlenin tal-implimentazzjoni ta' din il-miżura ta' rimedju, kif stabbiliti fl-Anness, huma l-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma sal-31 ta' Awwissu 2022, l-istabbiliment tad-Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Integrità (Directorate of Internal Audit and Integrity, "DIAI") fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru sat-30 ta' Settembru 2022, u l-adozzjoni tal-emendi rilevanti għad-Digriet tal-Gvern rilevanti (413/2021 u 256/2021) sat-30 ta' Settembru 2022. Il-Grupp ta' Ħidma twaqqaf mill-Ungerija f'konformità mal-impenn fil-miżura ta' rimedju u, sat-tieni ġimgħa ta' Settembru diġà ltaqa' erba' darbiet fit-8, id-9, it-13, u s-16 ta' Settembru.
- (98) Jekk tiġi speċifikata b'mod korrett fir-regoli dettaljati u implimentata kif xieraq, din il-miżura ta' rimedju tindirizza fil-prinċipju (flimkien ma' miżuri oħra ta' rimedju) it-tħassib imqajjem fir-rigward tad-dgħufijiet sistemiċi tas-sistema tal-akkwist pubbliku kif ukoll it-tħassib imqajjem dwar il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi ta' kunflitti ta' interess possibbli, billi għandha l-għan li tadotta

dispożizzjonijiet biex issaħħaħ ir-regoli u l-proċeduri biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi b'mod aktar effettiv il-kunflitt ta' interess fl-użu tal-fondi tal-Unjoni, inkluż mekkaniżmu ta' kontroll effettiv fuq il-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess.

vii. Tnaqqis ta' offerti uniċi fi proċeduri ta' akkwist li jinvolvu fondi tal-Unjoni

- (99) B'din il-miżura ta' rimedju, il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li a) inaqqas sal-31 ta' Diċembru 2022 is-sehem tal-proċeduri ta' offerti tal-akkwist pubbliku ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni u magħluqa fis-sena 2022 b'offerti uniċi ta' inqas minn 15 %, kif imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, b) jissodisfa mingħajr kundizzjonijiet il-mira msemmija hawn fuq u jżommha mingħajr limitu ta' żmien, u c) f'każ li s-sehem ta' offerti uniċi jaqbeż il-15 % fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari, huwa jieħu miżuri addizzjonali fi żmien erba' xhur biex jiffaċilita t-tnaqqis tal-akkwisti ta' offerti uniċi biex jinġieb lura taħt il-limitu ta' 15 % u jinforma lill-Awtorità tal-Integrità u lill-Kummissjoni. Il-pass ewlieni tal-implimentazzjoni ta' din il-miżura, kif stabbilit fl-Anness, huwa l-prestazzjoni tal-ewwel awditu dwar il-konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u kull forniment ta' *data* individwali lill-Kummissjoni u lill-pubbliku f'dan ir-rigward mid-Direttorat Ġenerali Ungeriż għall-Awditjar tal-Fondi Ewropej ("EUTAF"), inkluż għall-valuri bażi, sat-30 ta' Settembru 2022.
- (100) Il-Kummissjoni tilqa' wkoll dawn il-miżuri ta' rimedju billi b'mod ċar għandha l-għan li żżid it-trasparenza u l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku li, jekk jiġi implimentati b'mod korrett, jistgħu jitqiesu bħala kapaċi jindirizzaw fil-prinċipju t-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni fuq din il-bażi.

viii. Tnaqqis ta' offerti uniċi fi proċeduri ta' akkwist li jinvolvu fondi tal-Unjoni

- (101) B'mod simili għall-miżura ta' rimedju preċedenti deskritta hawn fuq, il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li a) inaqqas gradwalment (fi tliet stadji) sal-31 ta' Diċembru 2024 is-sehem ta' proċeduri ta' offerti ta' akkwist pubbliku ffinanzjati mill-baġit nazzjonali u magħluqa f'sena kalendarja b'offerti uniċi ta' inqas minn 15 %, kif imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, b) jissodisfa mingħajr kundizzjonijiet il-mira msemmija hawn fuq għas-snin sussegwenti u jżommha mingħajr limitu ta' żmien, u c) f'każ li s-sehem ta' offerti uniċi jaqbeż il-15 % fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari, huwa għandu jipproponi miżuri addizzjonali fi żmien erba' xhur biex jiffaċilita t-tnaqqis tal-akkwist ta' offerta unika biex jerġa' jinġieb taħt il-limitu ta' 15 % u jinforma lill-Awtorità tal-Integrità u lill-Kummissjoni.
- (102) Bħalma għamlet għal dik preċedenti, il-Kummissjoni tilqa' din il-miżura ta' rimedju billi b'mod ċar għandha l-għan li żżid it-trasparenza u l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku dment li tiġi implimentata b'mod korrett.

ix. Għodda ta' rapportar ta' offerta waħda

- (103) Minbarra l-miżuri ta' rimedju relatati mat-tnaqqis tal-proċeduri ta' offerta unika deskritti hawn fuq, il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li sat-30 ta' Settembru 2022 jiżviluppa għodda ġdida ta' monitoraġġ u rapportar għall-kejl separat tas-sehem tal-proċeduri ta' akkwist li jirriżultaw f'offerti uniċi ffinanzjati jew minn riżorsi nazzjonali jew minn appoġġ tal-UE jew mit-tnejn u jżommha għal perjodu ta' żmien illimitat. Rapport bil-miktub ibbażat fuq l-informazzjoni miġbura mill-għodda għar-rappurtar ta' offerta unika għandu jitħejja mill-ministeru responsabbli għall-akkwist pubbliku u jiġi ppubblikat sal-15 ta' Frar ta' kull sena fuq is-sit web tas-Sistema

Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS - aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr reġistrazzjoni u mingħajr ħlas). Il-passi ewlenin ta' din il-miżura ta' rimedju, kif stabbilit fl-Anness, huma l-iżvilupp ta' għodda ġdida ta' monitoraġġ u rapportar ibbażata fuq sorsi ta' *data* mill-EPS sat-30 ta' Settembru 2022, u l-konferma permezz ta' awditu mill-EUTAF li l-għodda ta' rapportar ta' offerta unika hija kompletament funzjonali u operazzjonali u l-funzjonalitajiet tagħha huma konformi mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku sal-istess data.

- (104) Din il-miżura ta' rimedju tintlaqa' tajjeb u l-karatteristiċi tagħha huma vvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni. Jekk jiġu żviluppati u implimentati b'mod korrett kif xieraq, fil-prinċipju se jagħmlu l-miżuri ta' rimedju dwar it-tnaqqis tal-offerti uniċi aktar effettivi u trasparenti.

x. Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS)

- (105) Il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li, a) joħloq u jippubblika fis-sit internet tal-EPS bażi tad-*data* aġġornata regolarment (mill-inqas kull tliet xhur) disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li jkun fiha informazzjoni dwar l-avviżi kollha tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi f'forma strutturata (inkluża *data* b'numri ta' identifikazzjoni tal-kumpanija u li tinkludi l-ismijiet ta' kull membru individwali ta' konsorzji u sottokuntratturi), li tkun adatta biex tiġi pproċessata b'mezzi awtomatiċi (b'mod partikolari li tippermetti riċerka strutturata u esportazzjoni tal-massa ta' *data* relatata mal-proċeduri ta' akkwist), b) tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżviluppa l-EPS, filwaqt li tiżgura li l-funzjonijiet żviluppati ġodda jkunu kompletament operattivi sat-30 ta' Settembru 2022 u c) iżżomm mingħajr kundizzjonijiet l-EPS u l-funzjonijiet rilevanti għal perjodu ta' żmien illimitat. Il-pass ewlieni ta' din il-miżura ta' rimedju, kif stabbilit fl-Anness, huwa l-operabbiltà sħiħa tal-funzjonijiet żviluppati ġodda tal-EPS sat-30 ta' Settembru 2022.
- (106) Il-Kummissjoni tqis li jekk din il-miżura ta' rimedju tiġi żviluppata u implimentata b'mod korrett, jenħtieġ li din iżżid it-trasparenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku u għalhekk, tista' titqies bħala kapaċi tindirizza fil-prinċipju t-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni fir-rigward tad-dgħufijiet sistemiċi fis-sistema tal-akkwist pubbliku.

xi. Qafas għall-kejl tal-prestazzjoni

- (107) B'din il-miżura ta' rimedju, il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li, sat-30 ta' Settembru 2022, jiżviluppa qafas għall-kejl tal-prestazzjoni biex jivvaluta l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi. Il-miżura ta' rimedju tipprevedi wkoll li l-Gvern Ungeriż se jżomm mingħajr kundizzjonijiet l-użu regolari tal-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tiegħu għal perjodu ta' żmien illimitat. Il-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni se jkun operattiv sat-30 ta' Novembru 2022 u se jinvolvi organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) indipendenti u esperti indipendenti tal-akkwist pubbliku bil-għan li jivvalutaw l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi fl-Ungerija. Il-pass ewlieni tal-implimentazzjoni ta' din il-miżura, kif stabbilit fl-Anness, huwa l-iżvilupp, inkluża l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Gvern, tal-qafas imsemmi sat-30 ta' Settembru 2022.
- (108) Flimkien ma' miżuri ta' rimedju oħra relatati mas-sistema tal-akkwist pubbliku, din il-miżura ta' rimedju, jekk tiġi speċifikata b'mod korrett fir-regoli dettaljati u implimentata kif xieraq, tista' titqies bħala kapaċi tindirizza fil-prinċipju t-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni fir-rigward tad-dgħufijiet sistemiċi fis-sistema tal-akkwist pubbliku.

xii. Pjan ta' azzjoni biex jiżdied il-livell ta' kompetizzjoni fi proċeduri ta' akkwist

- (109) Il-Gvern Ungeriż impenja ruħu li jadotta, sal-31 ta' Marzu 2023, pjan ta' azzjoni komprensiv bil-għan li jtejjeb il-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku bi skadenzi ċari u ambizzjużi għall-implimentazzjoni ta' kull waħda mill-azzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fih. Il-miżura ta' rimedju tipprevedi wkoll rieżami tal-pjan ta' azzjoni fuq bażi annwali. Il-Gvern Ungeriż impenja ruħu wkoll li jagħmel disponibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien il-pjan ta' azzjoni u r-ieżami tiegħu, kif ukoll is-sitwazzjoni attwali annwali tal-implimentazzjoni tal-miżuri fil-pjan ta' azzjoni.
- (110) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' din il-miżura ta' rimedju li għandha l-għan li żżid il-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku hija pożittiva. Flimkien mal-miżuri l-oħra ta' rimedju relatati mas-sistema tal-akkwist pubbliku, jekk tkun speċifikata b'mod korrett fir-regoli dettaljati u implimentata kif xieraq, din tista' titqies bħala kapaċi tindirizza fil-prinċipju t-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward.
- xiii. Taħriġ għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fl-akkwist pubbliku
- (111) Din il-miżura ta' rimedju għandha l-għan li tiffaċilita l-parteciġazzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (b'enfasi fuq l-intrapriżi mikro u żgħar) fl-akkwist pubbliku billi sal-31 ta' Marzu 2024 tipprovdi mill-inqas 1 000 intrapriża mikro, żgħira u ta' daqs medju taħriġ mingħajr ħlas. Il-Gvern Ungeriż impenja ruħu wkoll li jipprovdi tali okkażjonijiet ta' taħriġ għal mill-inqas 1 200 (għalhekk total ta' mill-inqas 2 200) intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju oħra sat-30 ta' Ġunju 2026, u li jimmonitorja u jevalwa l-effiċjenza u l-valur miżjud tat-taħriġ.
- (112) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-miżura ta' rimedju li għandha l-għan li tgħolli l-livell tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, u b'mod partikolari żżid il-livell tal-parteciġazzjoni tal-intrapriżi mikro u żgħar fil-proċeduri tal-akkwist, hija pożittiva. Jekk tiġi implimentata b'mod korrett, din il-miżura ta' rimedju, flimkien ma' miżuri oħra ta' rimedju relatati mas-sistema tal-akkwist pubbliku, tista' titqies bħala kapaċi li tindirizza fil-prinċipju t-tħassib tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.
- xiv. Skema ta' appoġġ għall-parteciġazzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fl-akkwist pubbliku
- (113) Minbarra l-miżura ta' hawn fuq relatata mal-appoġġ għat-taħriġ, il-Gvern Ungeriż ħa l-impenn li sal-31 ta' Marzu 2023 jistabbilixxi u jvara skema ta' appoġġ li tipprovdi kumpens ta' somma f'daqqa – ibbażata fuq kriterji tal-għażla oġġettivi, mhux diskriminatorji u trasparenti – għal mill-inqas 1 800 intrapriża mikro, żgħira u ta' daqs medju eliġibbli (b'enfasi fuq intrapriżi mikro u żgħar sat-30 ta' Ġunju 2026 għall-ispejjeż li jagħmlu assoċjati mal-parteciġazzjoni tagħhom fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-parteciġazzjoni tagħhom fl-akkwist pubbliku u jitnaqqasulhom l-ostakli għad-dħul. Jenħtieġ li ssir evalwazzjoni ta' nofs it-terminu sat-30 ta' Settembru 2024 u jenħtieġ li titlestha evalwazzjoni finali fi tmiem il-programm ta' appoġġ sal-31 ta' Lulju 2026.
- (114) Il-Kummissjoni tagħti valutazzjoni pożittiva lil din il-miżura ta' rimedju li għandha l-għan li tgħolli l-livell tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, u b'mod partikolari li żżid il-livell tal-parteciġazzjoni tal-intrapriżi mikro u żgħar fil-proċeduri tal-akkwist. Jekk tiġi implimentata b'mod korrett, din il-miżura ta' rimedju, flimkien ma' miżuri oħra ta' rimedju relatati mas-sistema tal-akkwist pubbliku, tista' titqies bħala kapaċi li tindirizza fil-prinċipju t-tħassib tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.
- xv. Użu estiż tal-għodda għall-kejl tar-riskju Arachne tal-Kummissjoni

- (115) Skont din il-miżura ta' rimedju, il-Gvern Ungeriż ħa l-impenn li japplika proċeduri għall-użu sistematiku u estiż tal-funzjonalitajiet kollha tal-għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, jiġifieri Arachne, fl-implimentazzjoni ta' kull appoġġ tal-Unjoni, għall-perjodi kollha ta' programmazzjoni, biex jiġu evitati u identifikati b'mod effettiv il-kunflitt ta' interess, il-frodi, il-korruzzjoni, il-finanzjament doppju u irregolaritajiet oħra. Il-pajjiż ħa l-impenn li l-applikazzjoni sħiħa u effettiva tas-sistema Arachne jżommha għal perjodu illimitat mingħajr kundizzjonijiet, filwaqt li ggarantixxa li l-korpi tal-awditjar u l-kontroll rilevanti kollha għandu jkollhom aċċess sħiħ għas-settijiet tad-*data* mtella' fis-sistema Arachne. Il-pass ewlieni ta' din il-miżura, kif stabbilit fl-Anness, huwa l-applikazzjoni tal-proċeduri għall-użu sistematiku tal-funzjonalitajiet kollha ta' Arachne fl-implimentazzjoni ta' kull appoġġ tal-Unjoni sat-30 ta' Settembru 2022. Il-proċeduri għandhom jiżguraw li d-*data* rilevanti kollha tittella', li r-riżultati tal-kejl tar-riskju jiġu segwiti, u li l-korpi tal-awditjar rispettivi jkollhom aċċess sħiħ għal Arachne.
- (116) Minbarra l-istabbiliment tal-Awtorità tal-Integrità (deskritta hawn fuq) u l-miżura ta' rimedju dwar it-tisħiħ tal-kontroll u l-awditjar għall-użu tal-fondi tal-Unjoni, fir-rigward tat-tħassib dwar il-kapaċità tal-Ungerija li ttejjeb il-kontrolli tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-użu tal-fondi tal-Unjoni, il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' rimedju ppreżentata mill-Ungerija dwar l-użu estiż tal-funzjonalitajiet kollha tal-għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u għall-kejl tar-riskju li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri (jiġifieri Arachne) għal kull appoġġ tal-Unjoni, jekk żviluppata u implimentata b'mod korrett, għandha l-kapaċità li tindirizza fil-prinċipju t-tħassib tal-Kummissjoni.
- xvi. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-OLAF
- (117) Il-Gvern Ungeriż ħa l-impenn li jippreżenta lill-Assemblea Nazzjonali abbozz ta' att dwar l-emenda għall-Att CXXII tal-2010 dwar Nemzeti Adó- és Vámhivatal, li għandu jiġi adottat sat-30 ta' Settembru 2022 u li permezz tiegħu għandu jinnomina l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa u d-Dwana (Nemzeti Adó- és Vámhivatal, NAV) bħala l-awtorità nazzjonali kompetenti biex tassisti lill-OLAF fit-tweqqi ta' verifiki fil-post fl-Ungerija u meta operatur ekonomiku soġġett għal dawn il-verifiki jirrifjuta li jikkoopera. L-Ungerija ħadet ukoll l-impenn li tippreżenta lill-Assemblea Nazzjonali abbozz ta' att dwar l-emenda għall-Att XXIX tal-2004 biex tintroduċi sanzjoni dissważiva ta' natura finanzjarja li għandha tiġi imposta f'każ li operatur ekonomiku jirrifjuta li jikkoopera mal-OLAF għall-finijiet tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet li l-OLAF jagħmel fil-post. Il-pass ewlieni ta' din il-miżura ta' rimedju, kif stipulat fl-Anness, huwa l-adozzjoni taż-żewġ atti msemmija hawn fuq sat-30 ta' Settembru 2022.
- (118) Fir-rigward tal-miżura ta' rimedju proposta dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-OLAF, il-Kummissjoni tqis li din għandha l-kapaċità li tindirizza l-limitazzjonijiet identifikati, billi se tinħatar awtorità nazzjonali kompetenti biex tassisti lill-OLAF fit-tweqqi ta' kontrolli fil-post fl-Ungerija u meta operatur ekonomiku soġġett għal dawn il-kontrolli jirrifjuta li jikkoopera. Ir-regoli l-ġodda li se jiġu adottati mill-Ungerija f'konformità mal-miżura ta' rimedju ppreżentata se jinkludu wkoll sanzjoni dissważiva ta' natura finanzjarja li tiġi imposta f'każ li operatur ekonomiku jirrifjuta li jikkoopera mal-OLAF għall-finijiet tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet li l-OLAF jagħmel fil-post. Sakemm l-impenni jkun specificati b'mod korrett f'regoli dettaljati

u għaldaqstant implimentati, il-Kummissjoni tqis li din il-kwistjoni ġiet indirizzata fil-prinċipju.

xvii. Trasparenza mtejbja tal-infiq pubbliku

- (119) B'din il-miżura ta' rimedju, il-Gvern Ungeriż ħa l-impenn li a) sal-31 ta' Ottubru 2022 jippreżenta lill-Assemblea Nazzjonali att leġiżlattiv li jistabbilixxi obbligu għall-korpi pubbliċi kollha biex jippubblikaw b'mod proattiv sett definit minn qabel ta' informazzjoni dwar l-użu ta' fondi pubbliċi f'reġistru ċentrali, u jiġi adottat, b) jipprovdi informazzjoni dwar is-sottokuntratturi fir-reġistru ċentrali u c) iżomm fis-seħħ mingħajr kundizzjonijiet l-att leġiżlattiv imsemmi hawn fuq għal perjodu ta' żmien illimitat u jiggarrantixxi l-infurzar tiegħu (b'mod partikolari li l-korpi pubbliċi jtellgħu d-*data* rilevanti kollha b'mod sħiħ u f'waqtu fir-reġistru). Abbozz avanzat tal-att leġiżlattiv se jintbagħat lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2022. Il-passi ewlenin ta' din il-miżura ta' rimedju, kif stipulat fl-Anness, huma (a) li jintbagħat lill-Kummissjoni abbozz avanzat tal-att leġiżlattiv li jistabbilixxi l-obbligu għall-korpi pubbliċi kollha li jippubblikaw b'mod proattiv sett definit minn qabel ta' informazzjoni dwar l-użu ta' fondi pubbliċi sat-30 ta' Settembru 2022 u (b) l-adozzjoni ta' dan l-att leġiżlattiv sal-31 ta' Ottubru 2022.
- (120) Fil-fehma tal-Kummissjoni, din il-miżura ta' rimedju tikkontribwixxi wkoll (flimkien ma' miżuri oħra ta' rimedju) biex tiżdied it-trasparenza fl-akkwist pubbliku. Jekk speċifikata b'mod korrett permezz ta' regoli dettaljati u għaldaqstant implimentata, tista' titqies bħala kapaċi li tindirizza fil-prinċipju t-tħassib tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

7.2.2. *Konklużjoni ta' din il-valutazzjoni*

- (121) Il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar il-pass li jmiss tal-proċedura fi żmien xahar wara li tirċievi l-kummenti tal-Istat Membru. Hija tilqa' l-proposta li għamlet l-Ungerija, minkejja fi stadju tard, u tqis li l-miżuri ta' rimedju proposti, meħuda flimkien, jekk jiġu speċifikati b'mod korrett fil-liġijiet ta' promulgazzjoni u fir-regoli ta' implimentazzjoni u għaldaqstant implimentati, jistgħu fil-prinċipju, skont id-dettalji tal-miżuri, ikunu kapaċi jindirizzaw il-kwistjonijiet deskritti fin-notifika rigward l-irregolaritajiet sistemiċi, id-defiċjenzi u d-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku, ir-riskji ta' kunflitti ta' interess, u t-tħassib dwar "trusts ta' interess pubbliku", kif ukoll ir-raġunijiet addizzjonali rigward l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-qafas kontra l-korruzzjoni⁵³.
- (122) Madankollu, għad iridu jiġu ddeterminati u vvalutati dettalji importanti tal-miżuri proposti, b'mod partikolari kif l-elementi ewlenin tagħhom se jirriflettuhom effettivament it-testi legali (pereżempju biex ikun iggarantit li l-Awtorità tal-Integrità jkollha s-setgħa li tivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-assi, ħaġa li hi rilevanti biex twettaq il-kompiti tagħha). It-tieni, billi bosta mill-kwistjonijiet identifikati fl-Ungerija jeħtieġu mhux biss modifiki fil-qafas legali, iżda b'mod aktar prominenti l-implimentazzjoni konkreta tal-modifiki fil-prattika, u dawn tal-aħħar jeżiġu perjodu aktar estiż biex jipproduċi riżultati konkreti. Sakemm issir il-valutazzjoni tad-dettalji u tal-implimentazzjoni tal-passi ewlenin tal-implimentazzjoni tal-miżuri kollha ta' rimedju kif stipulat fit-Tabella 1 tal-Anness, ir-riskju għall-baġit jibqa'. Għalhekk,

⁵³ Dawn il-konstatazzjonijiet ma jantiċipawx il-monitoraġġ u l-valutazzjoni analitika ulterjuri tal-Kummissjoni fl-ambitu ta' strumenti oħra tal-Kummissjoni, inkluż il-mekkaniżmu annwali tal-Istat tad-Dritt tal-UE.

f'dan l-istadju, sakemm jingħataw id-dettalji u sakemm isseħħ l-implimentazzjoni korretta, sħiħa u effettiva tal-passi ewlenin kollha ta' implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni ma tistax tqis li huma adegwati biex jittrattaw il-konstatazzjonijiet stabbiliti fin-notifika li l-Kummissjoni bagħtet lill-Ungerija fis-27 ta' April 2022 u biex jiproteġu l-baghit tal-Unjoni.

- (123) Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni permezz ta' din il-proċedura u ta' strumenti rilevanti oħra, u tiskambja mal-awtoritajiet Ungeriżi wara l-adozzjoni ta' din il-proposta. B'mod partikolari, huwa nnutat li għadd ta' miżuri ta' rimedju proposti mill-Ungerija jridu jiġu implimentati sad-19 ta' Novembru 2022. Il-Kummissjoni se żżomm lill-Kunsill infurmat b'kull element rilevanti li jista' jkollu impatt fuq din il-valutazzjoni.
- (124) Skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien xahar, b'estensjoni massima ta' xahrejn oħra biex b'hekk ikun jista' jiġi eżaminat jekk ġewx issodisfati l-impenji msemmijin fil-paragrafu (123).

8. MIŻURI PROPOSTI GĦALL-ADOZZJONI U L-PROPORZJONALITÀ TAGĦHOM

- (125) Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. Ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jinkisbu l-oġġettivi tal-istrument.
- (126) Ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità jeżiġi li l-miżuri li għandhom jiġu proposti lill-Kunsill ikunu proporzjonati mal-impatt attwali jew potenzjali tal-ksur identifikat tal-prinċipji tal-istat tad-dritt rigward il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baghit tal-Unjoni jew dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u, sa fejn ikun possibbli, jimmiraw l-azzjonijiet tal-Unjoni affettwati mill-ksur. Fl-identifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu proposti, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi rilevanti kollha, bħan-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu tal-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, kif ukoll l-adegwatezza ta' kwalunkwe miżura ta' rimedju possibbli ppreżentata mill-Istat Membru kkonċernat fil-kuntest tal-proċedura.

8.1. Proporzjonalità tal-miżuri - impatt potenzjali tal-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fuq il-baghit tal-Unjoni

- (127) Il-ksur identifikat huwa intrinsikament marbut mal-proċess li bih jintużaw il-fondi tal-Unjoni mill-Ungerija, billi jikkonsisti f'funzjonament u proċessi mhux xierqa tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu dwar il-proċedura ta' aġġudikazzjoni tal-kuntratti ffinanzjati mill-baghit tal-Unjoni. Għalhekk, l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baghit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni huwa meqjus partikolarment sinifikanti. Barra minn hekk, jekk il-ksur identifikat ikun akkoppjat mal-limiti u l-ostakli fid-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi minħabba r-raġunijiet addizzjonali relatati mal-qafas ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni u kontra l-korruzzjoni, l-impatt imsemmi hawn fuq jista' jitqies saħansitra aktar sinifikanti, bħala li potenzjalment jaffettwa l-fondi kollha tal-Unjoni implimentati mill-Ungerija.
- (128) Fir-rigward tan-natura tal-ksur, il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tal-ksur rilevanti għall-akkwist pubbliku, kif ukoll dak rilevanti għall-kunflitti ta' interess għat-trusts ta' interess pubbliku wasslet għall-konklużjoni li dawn il-kwistjonijiet huma indikattivi ta' ksur tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari ta' dawk tal-Artikolu 3(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, billi jonqsu milli jipprevjenu, jikkoreġu jew jissanzjonaw deċiżjonijiet arbitrarji jew illegali mill-awtoritajiet pubbliċi u jonqsu

milli jigggarantixxu li ma jkunx hemm kunflitti ta' interess. Għalhekk, in-natura tal-ksur ivvalutat, li essenzjalment tirrelata mal-mod kif il-fondi pubbliċi, inklużi l-fondi tal-Unjoni, qed jiġu implimentati, tinvolvi impatt sinifikanti fuq il-baġit tal-Unjoni.

- (129) Barra minn hekk, b'mod partikolari l-ksur rilevanti għall-kwistjonijiet identifikati fir-rigward tal-akkwist pubbliku huwa rikorrenti u għal żmien twil ta' aktar minn 10 snin, li jinvolvi sgru għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (130) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-ksur identifikat tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jikkonċerna partijiet importanti tas-settur pubbliku fl-Ungerija, jiġifieri l-entitajiet pubbliċi kollha li jimplimentaw il-fondi tal-Unjoni li jistgħu jkunu jew isiru awtoritajiet kontraenti, kif ukoll it-trusts kollha ta' interess pubbliku, li minkejja li huma entitajiet privati, għandhom objettiv ta' interess pubbliku, bħall-edukazzjoni, ir-riċerka, l-ambjent u l-protezzjoni tal-klima u l-protezzjoni tal-patrimonju. Għalhekk, il-ksur identifikat tal-prinċipji tal-istat tad-dritt huwa sistemiku u mifruq, u b'hekk serju.
- (131) Fir-rigward tal-ambitu tal-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, il-Kummissjoni tqis li, meta ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jaffettwa jew jirriskja li jaffettwa bosta programmi jew fondi tal-Unjoni, jista' jkun mistenni li l-impatt tiegħu fuq il-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkun sostanzjali. F'dan il-każ, hemm ir-riskju li l-kwistjonijiet identifikati jaffettwaw il-programmi kollha li huma prinċipalment implimentati permezz tal-akkwist pubbliku, li huma relatati l-aktar ma' tlieta mill-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni fl-Ungerija fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, li jikkorrispondu għal parti sinifikanti tal-baġit tal-Unjoni allokata lill-Ungerija fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni. L-awditi tal-Kummissjoni li identifikaw il-kwistjonijiet tal-akkwist pubbliku deskritti hawn fuq koprew il-qasam tal-politika ta' Koeżjoni u minkejja li l-impatt tagħhom fuq il-baġit tal-UE ġie kkoreġut finanzjarjament fl-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika ta' Koeżjoni fir-rigward tal-awditi individwali, dawn il-konstatazzjonijiet urew inabbiltà sistemika, falliment jew nuqqas ta' rieda mill-awtoritajiet Ungeriżi li jipprevjenu deċiżjonijiet li jiksru l-liġi applikabbli fir-rigward tal-akkwist pubbliku u l-kunflitti ta' interess, u b'hekk jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskji ta' korruzzjoni.
- (132) Minbarra dan ta' hawn fuq, jekk il-kwistjonijiet identifikati relatati mal-akkwist pubbliku u t-trusts ta' interess pubbliku jitqiesu flimkien mal-limiti u l-ostakli fid-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi minħabba r-raġunijiet addizzjonali relatati mal-qafas ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni u kontra l-korruzzjoni, l-impatt finanzjarju jista' jitqies saħansitra aktar sinifikanti. Dan l-aspett tabilħaqq ixekkel il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kemm *ex ante*, u b'hekk ixekkel l-effett deterrenti tal-proċedimenti kriminali, kif ukoll *ex post*, billi jimblokka l-azzjoni ripressiva tal-istituzzjonijiet tal-Istat.

8.2. Azzjonijiet tal-Unjoni fil-mira tal-miżuri

- (133) Meta wieħed iqis l-awditi preċedenti tas-servizzi tal-Kummissjoni (u minkejja li l-impatt tagħhom fuq il-baġit tal-UE ġie kkoreġut finanzjarjament fl-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika ta' Koeżjoni), u l-konstatazzjonijiet deskritti hawn fuq, l-azzjonijiet tal-Unjoni li x'aktarx jerġgħu jiġu affettwati fil-futur mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt huma dawk tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni li huma prinċipalment implimentati permezz tal-akkwist pubbliku, kif ukoll programmi li fil-kuntest tagħhom it-trusts ta' interess pubbliku u l-entitajiet miżmuma minnhom jistgħu jkunu benefiċjarji.

- (134) Il-Kummissjoni tqis li, b'kunsiderazzjoni għar-riskju stabbilit għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll in-natura preventiva tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, u biex il-baġit jiġi protett kontra riskji serji, jenħtieġ li l-miżuri jkunu jikkonċernaw fuq kollox il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027 li huma mistennija li jiġu implimentati prinċipalment permezz tal-akkwist pubbliku billi jittieħed bħala parametru referenzjarju l-mod kif il-programmi ekwivalenti tal-politika ta' Koeżjoni ġew implimentati skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020. Il-programmi fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni li huma kkonċernati mill-miżuri proposti (minn hawn 'il quddiem il-“programmi kkonċernati”) huma dawn li ġejjin:
- (a) il-Programm Operazzjonali għall-Ambjent u l-Effiċjenza Enerġetika Plus,
 - (b) il-Programm Operazzjonali Integrat tat-Trasport Plus,
 - (c) il-Programm Operazzjonali Plus għall-Iżvilupp Territorjali u ta' Insedjament.
- (135) Fir-rigward tal-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li għandhom impatt fuq il-fondi implimentati minn trusts ta' interess pubbliku u l-entitajiet miżmuma minnhom, il-Kummissjoni tqis li, b'kunsiderazzjoni tan-natura tal-attivitajiet li fihom dawn l-entitajiet jistgħu jkunu involuti⁵⁴, jenħtieġ li l-azzjonijiet kollha ta' programmi b'ġestjoni diretta jew indiretta li jista' jkollhom trusts ta' interess pubbliku jew entitajiet oħra miżmuma minnhom bħala benefiċjarji jew entitajiet ta' implimentazzjoni, ikunu fil-mira tal-miżuri li l-Kummissjoni biħsiebha tipproponi f'dan il-każ.

8.3. Għażla ta' miżuri xierqa u proporzjonati

- (136) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, li tikkonkludi li hemm impatt potenzjali sinifikanti tal-ksur identifikat tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin.
- Proġetti b'ġestjoni kondiviża: sospensjoni tal-impenji fil-kuntest tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021-2027
- (137) Biex tiddetermina l-livell ta' sospensjoni tal-impenji, il-Kummissjoni tinnota li f'dan l-istadju mhuwiex possibbli li jiġi kkwantifikat b'mod preċiż l-impatt potenzjali fuq il-baġit tal-Unjoni, billi l-proporzjon tal-fondi li se jiġi implimentat permezz tal-akkwist matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027 ma jistax jiġi ddeterminat minn qabel bi preċiżjoni suffiċjenti. Għalhekk, billi mhuwiex possibbli li jiġi definit b'mod preċiż l-ammont tan-nefqa marbut mal-irregolaritajiet serji li nstabu, il-livell xieraq tal-miżuri li għandhom jiġu applikati huwa ddeterminat minn perċentwal li jirrifletti r-riskju stmat li jirriżulta għall-baġit tal-Unjoni. Dan il-perċentwal huwa ddeterminat fid-dawl tas-serjetà, il-frekwenza u t-tul ta' żmien tal-ksur sistemiku identifikat, kif ukoll tar-riskju finanzjarju massimu mistenni għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-miżuri ta' rimedju ppreżentati mill-Ungerija fil-kuntest ta' din il-proċedura.
- (138) Minħabba l-impatt potenzjali partikolarment sinifikanti tal-ksur identifikat tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u b'kunsiderazzjoni tan-natura, it-tul ta' żmien, is-

⁵⁴ Dawn l-attivitajiet ikunu relatati prinċipalment mal-edukazzjoni u r-riċerka, iżda wkoll ma' ħafna attivitajiet oħra, bħall-protezzjoni ambjentali u klimatika, il-protezzjoni tal-patrimonju, u l-isport.

serjetà u l-ambitu ta' dan il-ksur, dan jista' jimplika impatt potenzjali sinifikanti ħafna fuq il-fondi rilevanti u b'hekk jiġġustifika livell sinifikanti ħafna ta' sospensjoni tal-impenji bħala proporzjonat. Fir-rigward tal-akkwist pubbliku, jenħtieġ għalhekk li miżuri xierqa u proporzjonati jestendu għall-ammont ta' fondi tal-Unjoni fejn hemm ir-riskju li jiġu ġestiti bi ksur tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Minkejja dan, parti biss mill-fondi tal-programmi operazzjonali identifikati hawn fuq hija mistennija li tiġi implimentata permezz tal-akkwist (fil-prinċipju bejn 85 % u 90 % tal-fondi) u, fil-prinċipju wkoll, xi proċeduri ta' akkwist pubbliku jistgħu ma jiġux affettwati minn dan il-ksur sistemiku. Min-naħa l-oħra, dan il-ksur jista' jinvolvi wkoll riskji serji għal programmi oħra tal-Unjoni li huma wkoll, sa ċertu punt, implimentati permezz tal-akkwist pubbliku iżda li ma jiġux affettwati mill-miżuri previsti. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, fl-ittra ta' intenzjoni tagħha, il-Kummissjoni kienet stmat li r-riskju għall-baġit ikun jikkorrispondi għal 70 % tal-fondi tal-programmi kkonċernati. Madankollu, tali riskju jista' jiġi mmitigat b'mod sinifikanti permezz tal-impenji li ħadet l-Ungerija fil-miżuri ta' rimedju ppreżentati fit-tieni tweġiba, jekk jiġu kkonfermati flimkien mal-passi ewlenin li l-Ungerija impenjat ruħha għalihom.

- (139) Tabilħaqq, filwaqt li l-Ungerija ppreżentat miżuri ta' rimedju li fil-prinċipju jistgħu jkunu kapaċi jindirizzaw it-tħassib tal-Kummissjoni, u bdiet tiegħu l-ewwel passi ta' implimentazzjoni, f'dan l-istadju dawn għadhom mhumie x dettaljati biżżejjed meta jitqies li t-testi leġislattivi ewlenin u passi ewlenin oħra li jibdew jimplimentaw ħafna mill-miżuri ta' rimedju ppreżentati mill-Ungerija għadhom pendenti, u għalhekk huwa diffiċli li tiġi evalwata b'mod konklużiv jekk dawn jindirizzawx it-tħassib. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li approssimazzjoni raġonevoli tal-livell tar-riskju residwu għall-baġit f'dan l-istadju tikkorrispondi għal 65 % tal-fondi tal-programmi kkonċernati. Billi dan il-livell jista' jitqies bħala approssimazzjoni raġonevoli tal-impatt fuq il-baġit tal-Unjoni jew tar-riskji serji għalih, il-Kummissjoni tqis li s-sospensjoni ta' 65 % tal-impenji f'dawn il-programmi operazzjonali hija miżura proporzjonata. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni u tista' tissuġġerixxi adattamenti kif meħtieġ.
- (140) Jekk il-programmi identifikati ma jkunux ġew approvati sa meta l-Kunsill jieħu deċiżjoni, jenħtieġ li minflok tiġi deċiża s-sospensjoni tal-approvazzjoni ta' wieħed mill-programmi kkonċernati jew aktar, fi proporzjon għar-riskju tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan huwa bbażat fuq l-istess raġunament stabbilit fil-paragrafu (139) aktar 'il fuq.
- Programmi b'ġestjoni diretta u indiretta: il-projbizzjoni li jiġu assunti impenji legali ġodda ma' trusts ta' interess pubbliku u entitajiet miżmuma minnhom
- (141) Jenħtieġ li l-miżuri jkunu jikkonċernaw ukoll azzjonijiet fil-kuntest ta' programmi implimentati b'ġestjoni diretta u indiretta, li għalihom it-trusts ta' interess pubbliku u l-entitajiet miżmuma minnhom jistgħu jkunu benefiċjarji jew entitajiet ta' implimentazzjoni. Fir-rigward tal-ksur identifikat rilevanti għat-trusts ta' interess pubbliku, billi l-miżura tikkonċerna biss lil dawn l-entitajiet bħala tali, jenħtieġ li jiġu mmirati l-programmi kollha implimentati b'ġestjoni diretta u indiretta. Il-Kummissjoni tqis bħala miżura proporzjonata l-projbizzjoni li jiġu assunti impenji legali ġodda ma xi trust ta' interess pubbliku u xi entità miżmuma minnhom fl-ambitu ta' kull programm b'ġestjoni diretta u indiretta.
- (142) Billi bħalissa hemm eċċezzjoni ġenerali għall-membri tal-bord tat-trusts ta' interess pubbliku biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kunflitt ta' interess, filwaqt li l-

applikabbiltà tar-regoli tal-akkwist pubbliku għall-fondi fiduċjarji tkun tiddependi fuq valutazzjoni każ b'każ ta' jekk jissodisfawx il-kriterji biex jitqiesu bħala awtoritajiet kontraenti, tali eċċezzjonijiet jistgħu jaffettwaw kwalunkwe baġit li dawn l-entitajiet jistgħu jimplimentaw jew jamministraw. Għalhekk, huwa prattikament impossibbli li jitqies li l-projbizzjoni jenħtieġ li tapplika għal xi trusts ta' interess pubbliku u għall-entitajiet miżmuma minnhom, jew li l-Kummissjoni tista' tidħol f'impjenji legali parzjali ma' tali entitajiet. Barra minn hekk, billi l-projbizzjoni li jiġu assunti impjenji legali ġodda hija limitata għal dawn l-entitajiet, l-allokazzjoni ta' fondi għall-programmi kollha tal-Unjoni b'ġestjoni diretta u indiretta xorta tista' tintuża għal xi entità oħra, bħala entità benefiċjarja jew ta' implimentazzjoni. Għalhekk, fid-dawl tal-lista ta' miżuri applikabbli għall-ġestjoni diretta u indiretta skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, il-projbizzjoni li jiġi assunt xi impenn legali ġdid ma' dawn l-entitajiet tista' titqies proporzjonata biex jiġi indirizzat ir-riskju għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, sakemm jiġi adottat it-test leġiżlattiv rilevanti.

- (143) Dment li l-miżura tkun speċifikata f'regoli dettaljati u ppromulgata fit-test leġiżlattiv neċessarju u implimentata skont l-impenn li ħadet l-Ungerija, din tista' titqies li tindirizza t-tħassib kollu tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

8.4. Kummenti ppreżentati mill-Ungerija dwar il-miżuri proposti fl-ittra ta' intenzjoni

- (144) L-Ungerija argumentat li l-miżuri ta' rimedju li ppreżentat jindirizzaw il-kwistjonijiet kollha identifikati mill-Kummissjoni f'dan il-każ. Fakkret il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali li miegħu kkonformat bil-għan li tippreżenta l-miżuri ta' rimedju. Barra minn hekk, irreferiet għar-rekwiżit tas-sentenza tal-Qorti⁵⁵ li l-miżuri li jittieħdu skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità jridu jkunu "strettament proporzjonati" għall-impatt tal-ksur stabbilit tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fuq il-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, biex tagħmel il-każ li impatt jew effett potenzjali fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE jew fuq il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni jistgħu ma jiġġustifikawx miżuri fuq il-fondi kollha tal-Unjoni użati minn Stat Membru. Barra minn hekk, argumentat li l-karattru sistemiku u mifrux tal-ksur ma jistax awtomatikament irendi l-ksur serju. Barra minn hekk, indikat li ma hemm ebda ġustifikazzjoni għaliex u sa fejn il-Programmi operazzjonali kkonċernati mill-miżuri ġew identifikati bħala implementati permezz ta' kuntratti pubbliċi.
- (145) Barra minn hekk, sostniet li hemm ksur tar-rekwiżiti għal valutazzjoni oġġettiva, imparzjali u ġusta, billi l-konklużjoni dwar tnaqqis ta' 70 % tal-impjenji ma hijiex iġġustifikata. B'referenza għall-korrezzjonijiet b'rata fissa ta' 10 % applikati matul l-awditu tal-2017, l-Ungerija targumenta li l-prinċipju tal-proporzjonalità jkun jirrikjedi li 10 % biss mis-70 %, jiġifieri 7 %, tal-impjenji tal-programmi operazzjonali rilevanti jistgħu jiġu sospiżi. Tkompli ssostni li l-Kummissjoni ma ġġustifikatx għaliex ipproponiet sospensjoni ta' pagamenti li kienu oġġla mil-livelli ta' korrezzjoni finanzjarja stabbiliti fil-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-

⁵⁵ Ara s-sentenzi tal-Qorti (il-Qorti Sħiħa) tas-16 ta' Frar 2022, *L-Ungerija vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, il-Kawża C-156/21, ECLI:EU:C:2022:97, il-paragrafu 271 u *Il-Polonja vs il-Parlament u l-Kunsill*, C-157/21, ECLI:EU:C:2022:98, il-paragrafu 302.

korrezzjonijiet finanzjarji għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku⁵⁶.

- (146) Fir-rigward tal-miżura alternattiva ta' sospensjoni tal-approvazzjoni ta' programmi operazzjonali f'każ li dawn ma jkunux ġew approvati mill-Kummissjoni fiż-żmien meta l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni tiegħu, tiddikjara li ma nġhatatx l-opportunità li tikkummenta, ladarba l-Kummissjoni ma speċifikatx liema jkunu l-programmi involuti f'każ bħal dan.
- (147) Fir-rigward tal-projbizzjoni li jiġu assunti impenji legali ġodda ma' trusts ta' interess pubbliku u mal-entitajiet miżmuma jew ġestiti minnhom, l-Ungerija ssostni li din ma hemmx bżonnha u hija sproporzjonata, fid-dawl tal-allegati miżuri ta' rimedju ppreżentati fid-19 ta' Lulju 2022, il-fatt li l-Kummissjoni ma ppreżentat l-ebda każ speċifiku fejn dawn l-entitajiet ma aġixxewx bħala awtoritajiet kontraenti jew li ma kinux konformi mar-regoli tal-UE dwar il-kunflitt ta' interess.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (148) Il-Kummissjoni tilqa' l-miżuri ta' rimedju ppreżentati mill-Ungerija fit-tieni tweġiba tagħha, kif ukoll il-kooperazzjoni tagħha f'dan ir-rigward. Minkejja dan, l-ittra ta' intenzjoni tispjega r-raġunijiet għaliex il-miżuri ta' rimedju proposti fid-19 ta' Lulju 2022, ma setgħux jitqiesu fid-definizzjoni tal-miżuri li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tippromponi lill-Kunsill. Fir-rigward tal-miżuri ppreżentati mill-Ungerija fit-tieni tweġiba tagħha, il-Kummissjoni spjegat hawn fuq fil-paragrafi (121) u (122) għaliex f'dan l-istadju ma jistgħux jitqiesu bħala adegwati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati mill-Kummissjoni.
- (149) Fir-rigward tal-argument li għamlet l-Ungerija li huma rilevanti għall-impatt jew għall-effetti potenzjali fuq il-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità jeżiġi li l-Kummissjoni tippromponi miżuri lill-Kunsill anki meta ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jissogra serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni b'mod adegwament dirett. Billi l-Kummissjoni stabbiliet tali riskju serju għall-futur, ma kellhiex bżonn tistabbilixxi riskju speċifiku kif argumentat mill-Ungerija, sabiex tippromponi miżuri lill-Kunsill. L-interpretazzjoni li pproponiet l-Ungerija ċċaħħad lir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità mill-iskop tiegħu, li huwa l-protezzjoni preventiva tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (150) Fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rati ta' korrezzjonijiet finanzjarji applikati fil-każ tal-awditi tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tinnota li r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità huwa strument preventiv li għandu l-għan li jipproteġi l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod aktar orizzontali minn regoli finanzjarji oħra tal-Unjoni. Għalhekk, l-applikazzjoni *mutatis mutandis* tal-livelli ta' korrezzjoni finanzjarja inklużi fir-RDK u tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq ma sservix l-iskop tagħha, li huwa separat u addizzjonali.
- (151) Fir-rigward tal-miżura alternattiva ta' sospensjoni tal-approvazzjoni tal-programmi, il-Kummissjoni indikat b'mod ċar il-programmi operazzjonali li jistgħu jkunu

⁵⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru fin-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku, C(2019) 3452 final.

soġġetti għal din il-miżura. Il-Kummissjoni ma setgħetx tindika fiż-żmien tal-ittra ta' intenzjoni, u lanqas ma tista' tindika f'dan l-istadju, preċiżament liema programmi kkonċernati jkunu jikkwalifikaw biex jiġu inklużi fil-miżura alternattiva ta' sospensjoni tal-approvazzjoni tal-programmi. Dan ikun jiddependi mill-istadju tal-approvazzjoni tal-programmi fiż-żmien meta l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni tiegħu. Madankollu, il-Kummissjoni indikat li, f'każ li s-sospensjoni tal-approvazzjoni tal-programmi jkollha tiġi applikata, jenħtieġ li din tkun tikkonċerna programm wieħed jew aktar fi proporzjon mar-riskju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

- (152) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-miżura rilevanti għat-trusts ta' interess pubbliku, ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità ma jeżiġix li jiġu definiti każijiet speċifiċi li fihom ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt ikun affettwa l-baġit tal-Unjoni jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'mod partikolari fir-rigward tat-trusts ta' interess pubbliku, il-leġislazzjoni fis-seħħ tinvolvi b'mod ċar riskju serju għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għalhekk, il-projbizzjoni li jiġu assunti impenji legali ġodda, hija l-unika miżura li tista' tiżgura l-karattru protettiv u preventiv tal-proċedura skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità.

9. BAŻI LEGALI

- (153) Il-bażi legali għal dan l-istrument huwa r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

10. MIŻURI PROPOSTI GĦALL-ADOZZJONI

• Proġetti b'ġestjoni kondiviża

- (154) Is-sospensjoni ta' 65 % tal-impenji fi tliet programmi operazzjonali għall-perjodu 2021-2027 iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond ta' Koeżjoni (FK), mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund, JTF), u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

- (155) Jenħtieġ li jekk il-programmi identifikati ma jkunux ġew approvati sa meta l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni tiegħu, minflok tiġi deċiża s-sospensjoni tal-approvazzjoni ta' wieħed mill-programmi kkonċernati jew aktar, fi proporzjon mar-riskju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan huwa bbażat fuq l-istess raġunament stabbilit fil-punt 140 iktar 'il fuq.

• Programmi b'ġestjoni diretta u indiretta

- (156) Il-projbizzjoni li jiġu assunti impenji legali ġodda ma' xi trust ta' interess pubbliku u xi entità miżmuma minnhom fl-ambitu ta' kwalunkwe programm tal-Unjoni b'ġestjoni diretta u indiretta. Dan mhux neċessarjament ikollu impatt baġitarju billi l-projbizzjoni li jiġu assunti impenji legali ġodda hija limitata għal dawn l-entitajiet, u l-allokazzjoni korrispondenti ta' fondi mill-programmi kollha tal-Unjoni b'ġestjoni diretta u indiretta xorta tista' tintuża għal kwalunkwe entità oħra, bħala entità benefiċjarja jew ta' implimentazzjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni⁵⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni baġtet talba għal informazzjoni lill-Ungerija skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, li l-awtoritajiet Ungeriżi wiġbuha fis-27 ta' Jannar 2022.
- (2) Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni baġtet notifika bil-miktub lill-Ungerija skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 (in-“notifika”). F'dik in-notifika, il-Kummissjoni qajmet it-tħassib tagħha u ppreżentat il-konstatazzjonijiet tagħha rigward għadd ta' kwistjonijiet relatati mas-sistema tal-akkwist pubbliku fl-Ungerija, inklużi:
 - (a) irregolaritajiet sistemiċi, nuqqasijiet u dgħufijiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku;
 - (b) rata għolja ta' proċeduri ta' offerti waħdiena u intensità baxxa ta' kompetizzjoni fil-proċeduri ta' akkwist;
 - (c) kwistjonijiet relatati mal-użu ta' ftehimiet qafas;
 - (d) id-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess;
 - (e) kwistjonijiet relatati ma' trusts ta' interess pubbliku.
- (3) Dawn il-kwistjonijiet u r-ripetizzjoni tagħhom maż-żmien juru inabbiltà sistemika, falliment jew nuqqas ta' rieda, min-naħa tal-awtoritajiet Ungeriżi, li jipprevjenu deċiżjonijiet li jiksru l-liġi applikabbli, fir-rigward tal-akkwist pubbliku u l-kunflitti ta' interess, u b'hekk li jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskji ta' korruzzjoni. Dawn jikkostitwixxu ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari l-prinċipji ta-

⁵⁷ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.

ċertezza legali u l-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi u jqajmu tħassib dwar is-separazzjoni tas-setgħat.

- (4) Fin-notifika, il-Kummissjoni tat raġunijiet addizzjonali u ppreżentat il-konstatazzjonijiet tagħha rigward għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, u l-qafas kontra l-korruzzjoni, inklużi limitazzjonijiet għal investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi ta' attività kriminali allegata, l-organizzazzjoni tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, u n-nuqqas ta' qafas kontra l-korruzzjoni effettiv u li jiffunzjona fil-prattika. Dawn il-kwistjonijiet jikkostitwixxu ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċertezza legali, il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
- (5) Fin-notifika, il-Kummissjoni stabbiliet l-elementi fattwali u r-raġunijiet speċifiċi li bbażat il-konstatazzjonijiet tagħha fuqhom u talbet ukoll lill-Ungerija tipprovdi ċerta informazzjoni u *data* rigward dawk l-elementi u r-raġunijiet fattwali. Fin-notifika, il-Kummissjoni tat xahrejn lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.
- (6) Fis-27 ta' Ġunju 2022, l-Ungerija wiegħbet in-notifika (l-“ewwel tweġiba”). Permezz tal-ittri tat-30 ta' Ġunju u tal-5 ta' Lulju 2022, l-Ungerija ppreżentat informazzjoni ulterjuri biex tikkomplementa l-ewwel tweġiba. Barra minn hekk, fid-19 ta' Lulju 2022, l-Ungerija bagħtet ittra addizzjonali li tipproponi għadd ta' miżuri ta' rimedju biex tindirizza l-konstatazzjonijiet fin-Notifika.
- (7) Il-Kummissjoni vvalutat il-kummenti ppreżentati fl-ewwel tweġiba u kkonkludiet li dawn ma naqqasx it-tħassib u l-konstatazzjonijiet tagħha stabbiliti fin-Notifika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li la l-ewwel tweġiba u lanqas l-ittri addizzjonali tat-30 ta' Ġunju u tal-5 ta' Lulju 2022 ma kien fihom miżuri ta' rimedju adegwati impenjati b'mod xieraq fil-kuntest tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092. Minħabba l-preżentazzjoni tardiva tal-ittra tad-19 ta' Lulju 2022, din ma setgħetx titqies fil-valutazzjoni tal-ewwel tweġiba. Madankollu, il-Kummissjoni qieset l-elementi rilevanti kollha f'dik l-ittra matul il-passi li segwew tal-proċedura stabbilita mill-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali mal-Istati Membri.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, fl-20 ta' Lulju 2022 il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-Ungerija (l-“ittra ta' intenzjoni”) biex tinforma lill-Istat Membru bil-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 6(6) ta' dak ir-Regolament u bil-miżuri li l-Kummissjoni pprevediet li tipproponi għall-adozzjoni mill-Kunsill skont l-Artikolu 6(9) ta' dak ir-Regolament, fin-nuqqas ta' impenn mill-Ungerija li tiegħu miżuri ta' rimedju adegwati. Fl-ittra ta' intenzjoni, il-Kummissjoni tat lill-Ungerija l-opportunità li tippreżenta l-kummenti tagħha b'mod partikolari dwar il-proporzjonalità tal-miżuri previsti.
- (9) L-Ungerija wiegħbet l-ittra ta' intenzjoni fit-22 ta' Awwissu 2022 (“it-tieni tweġiba”), u fiha pprovdiet il-kummenti tagħha dwar il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-proċedura u l-proporzjonalità tal-miżuri msemmijin fl-ittra ta' intenzjoni. Minkejja li kkontestat il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-Ungerija pproponiet ċerti miżuri ta' rimedju biex tindirizza t-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni. Fit-13 ta' Settembru 2022, l-Ungerija bagħtet ittra lill-Kummissjoni li kienet tinkludi kjarifiki u impenji ulterjuri rilevanti għall-miżuri ta' rimedju proposti. Fil-fehma tal-Ungerija, il-miżuri ta' rimedju, inklużi l-impenji addizzjonali inklużi fl-ittra tat-13 ta'

Settembru 2022, jindirizzaw bis-sħiħ it-tħassib tal-Kummissjoni u għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tipproponix miżuri lill-Kunsill.

- (10) Il-konstatazzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni huma miġbura fil-qosor fil-premessi li ġejjin.
- (11) L-ewwel nett, hemm irregolaritajiet sistemiċi serji, nuqqasijiet u dgħufijiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku. Irregolaritajiet ta' dan it-tip instabu wara verifiki konsekuttivi mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni kemm għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kif ukoll għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dawn l-awditi għalqu b'ammonti kumplessivi sinifikanti ta' korrezzjonijiet finanzjarji, kif ukoll bosta investigazzjonijiet tal-OLAF li wasslu għal rakkomandazzjonijiet finanzjarji għall-irkupru ta' ammonti sinifikanti mill-Ungerija. Barra minn hekk, id-data disponibbli tindika li kien hemm perċentwali inużwalment għoli ta' kuntratti mogħtija wara proċeduri li fihom ikun ipparteċipa offerent wieħed biss; attribuzzjonijiet ta' kuntratti lil kumpaniji speċifiċi, li gradwalment kienu qed jiksbu partijiet kbar mis-suq; kif ukoll nuqqasijiet serji fl-attribuzzjoni ta' ftehimiet qafas. Barra minn hekk, hemm tħassib dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-kunflitt ta' interess għal "trusts ta' interess pubbliku" u l-entitajiet ġestiti minnhom, u n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi minn dawk it-trusts. Dawk il-kwistjonijiet u r-rikorrenza tagħhom maż-żmien juru inabbiltà sistemika, falliment jew nuqqas ta' rieda, min-naħa tal-awtoritajiet Ungeriżi, li jipprevjenu deċizzjonijiet li jiksru l-liġi applikabbli, fir-rigward tal-akkwist pubbliku u l-kunflitti ta' interess, u b'hekk li jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskji ta' korruzzjoni. Dawn jikkostitwixxu ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari l-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi u jqajmu tħassib fir-rigward tas-separazzjoni tas-setgħat.
- (12) It-tieni, hemm kwistjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-limitazzjonijiet għal investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi ta' attività kriminali allegata, l-organizzazzjoni tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, u n-nuqqas ta' qafas kontra l-korruzzjoni effettiv u li jiffunzjona. B'mod partikolari, hemm nuqqas ta' rimedji ġudizzjarji effettivi minn qorti indipendenti kontra deċizzjonijiet tas-servizz tal-prosekuzzjoni biex ma ssirx investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' korruzzjoni, frodi jew reati kriminali oħrajn allegati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, nuqqas ta' rekwiżit li jingħataw raġunijiet meta każijiet ta' dan it-tip jiġu attribwiti jew riassenjati, u nuqqas ta' regoli biex jiġu evitati deċizzjonijiet arbitrarji f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' strateġija komprensiva kontra l-korruzzjoni li tkopri wkoll l-aktar oqsma rilevanti għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni; sottoutilizzazzjoni tal-firxa sħiħa ta' għodod preventivi biex jassistu fl-investigazzjoni tal-korruzzjoni, b'mod partikolari każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli; kif ukoll nuqqas kumplessiv ta' prevenzjoni u repressjoni effettivi ta' frodi kriminali u reati ta' korruzzjoni. Dawk il-kwistjonijiet jikkostitwixxu ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċertezza legali, il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
- (13) Il-kummenti ppreżentati fit-tweġibiet mill-Ungerija ma jindirizzawx b'mod adegwat il-konstatazzjonijiet stabbiliti fl-ittra ta' notifika u fl-ittra ta' intenzjoni. B'mod partikolari, it-tweġibiet ma pprovdew l-ebda evidenza dwar it-titjib reċenti mill-Ungerija fis-sistema tal-akkwist pubbliku tagħha (fir-rigward tat-trasparenza, l-intensità tal-kompetizzjoni, il-kontrolli tal-kunflitti ta' interess). Filwaqt li saru xi bidliet fis-sistema Ungeriża tal-akkwist pubbliku wara l-awditi tas-servizzi tal-Kummissjoni, ma hemm l-ebda indikazzjoni li dawk il-bidliet kellhom impatt fuq il-

livell ta' kompetizzjoni fis-suq Ungeriż. Id-*data* disponibbli għall-Kummissjoni turi mhux biss żieda fil-konċentrazzjoni ta' għotjiet fl-akkwist pubbliku, iżda wkoll żieda fil-probabbiltà tar-rebħ ta' atturi tal-partit fil-gvern tal-Ungerija (il-*"kumpaniji b'konnessjonijiet politiċi"*). Il-Kummissjoni kisbet studju li pprova analiżi empirika statistika ta' aktar minn 270 000 kuntratt ta' akkwist pubbliku fl-Ungerija bejn l-2005 u l-2021⁵⁸. Il-kummenti tal-istudju ġew ikkorroborati bil-konstatazzjonijiet ta' eżami ta' ċerta *data* tal-offerti rigward kuntratti mogħtija lil xi wħud mill-kumpaniji identifikati bħala kumpaniji b'konnessjonijiet politiċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġabret rapporti mill-media u mill-partijiet ikkonċernati fis-settur tat-turiżmu, fis-settur tal-komunikazzjoni u fis-settur tal-isport. L-Ungerija ma pprovdiet l-ebda evidenza dwar l-applikabbiltà (u lanqas dwar l-applikazzjoni fil-prattika) tar-regoli dwar il-kunflitt ta' interess rilevanti għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fir-rigward tat-trusts ta' interess pubbliku.

- (14) Proċeduri oħrajn stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma jippermettux lill-Kummissjoni tippoteġi l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv. L-irregolaritajiet, in-nuqqasijiet u d-dgħufijiet identifikati huma mifruxa u interkonnessi, li jfisser li proċeduri għajr dawk previsti fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 ma jistgħux jindirizzaw ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv. Anki jekk jistgħu jintużaw ċerti mezzi disponibbli skont ir-regoli settorjali, bħall-awditi mwettqin mis-servizzi tal-Kummissjoni, u l-korrezzjonijiet finanzjarji għall-irregolaritajiet mhux ikkoreġuti mill-awtoritajiet Ungeriżi, dawk il-miżuri ġeneralment jirrelataw ma' nefqa diġà ddikjarata lill-Kummissjoni u l-kontinwazzjoni tan-nuqqasijiet tul ħafna snin turi li l-korrezzjonijiet finanzjarji mhumie x biżżejjed biex jipproteġu l-interess finanzjarju tal-Unjoni minn riskji attwali jew futuri.
- (15) Fir-rigward tal-osservanza u l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet abilitanti minnuxa fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-unika konsegwenza tan-nuqqas li tiġi ssodisfata kundizzjoni abilitanti stabbilita fl-Artikolu 15(5) ta' dak ir-Regolament hija li l-Kummissjoni ma għandhiex tirrimborża n-nefqa relatata mal-operazzjonijiet marbutin mal-oġettiv speċifiku lill-Istat Membru ikkonċernat. Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 jagħti firxa akbar ta' miżuri possibbli biex jiġi protett il-baġit tal-Unjoni, inklużi s-sospensjoni tal-approvazzjoni ta' programm wieħed jew aktar, kif ukoll is-sospensjoni tal-impenji taħt ġestjoni kondiviża. Il-miżuri possibbli skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 jikkonċernaw ukoll il-prefinanzjament, li mhuwiex previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/1060.
- (16) Fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku u l-interpretazzjoni tagħhom, il-premessa 17 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tiċċara li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament, hija finanzjarja u speċifika għas-settur. Proċeduri ta' ksur, li mhumie x ibbażati fuq att

⁵⁸ *Study on concentration of awards and potential risks of fraud, corruption and conflict of interest in public procurement procedures in Hungary with focus on EU funded public procurements - Empirical analysis of Hungarian public procurement data from 2005 to 2021*, Corruption Research Center Budapest.

⁵⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

leġiżlattiv iżda direttament fuq l-Artikolu 258 TFUE. Dik id-dispożizzjoni tal-liġi primarja ma tistax titqies bħala “leġiżlazzjoni tal-Unjoni” fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092.

- (17) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰ jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni meta jimplimentaw miżuri bil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Ir-responsabbiltà primarja għall-konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali fl-implimentazzjoni ta' daww il-miżuri tibqa' tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li l-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 22(5) ta' dak ir-Regolament, tista' tipproċedi għal miżuri korrettivi f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta mill-ftehim ta' self jew mill-ftehim ta' finanzjament. Aktar importanti minn hekk, il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Ungerija għadu ma ġiex iffinalizzat u l-kontenut u l-kapaċità tiegħu li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiddependu mill-miżuri effettivi li se jkun fih, iżda wkoll minn kif daww il-miżuri se jiġu implimentati mill-Ungerija. Għalhekk, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/241 ma tippermettix lill-Kummissjoni tipproteġi l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv f'dan il-każ.
- (18) Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, l-ebda proċedura oħra skont id-dritt tal-Unjoni ma tippermetti lill-Kummissjoni tipproteġi l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092.
- (19) L-impatt potenzjali tal-ksur identifikat fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni huwa meqjus bħala partikolarment sinifikanti, billi dak il-ksur huwa intrinsikament marbut mal-proċess li bih jintużaw il-fondi tal-Unjoni mill-Ungerija, billi jikkonsisti f'funzjonament mhux xieraq tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu dwar l-għoti ta' kuntratti ffinanzjati permezz tal-baġit tal-Unjoni. Barra minn hekk, jekk il-ksur identifikat ikun abbinat mal-limiti u l-ostakli fid-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, identifikati bħala raġunijiet addizzjonali relatati mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-qafas kontra l-korruzzjoni, l-impatt jista' jitqies saħansitra aktar sinifikanti.
- (20) Meta titqies in-natura tal-konstatazzjonijiet fir-rigward tal-akkwist pubbliku, jenħteġ li l-miżuri xierqa li jridu jiġu adottati skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 (il-“miżuri xierqa”) ikunu jikkonċernaw il-finanzjament tal-Unjoni li huwa prinċipalment implimentat permezz tal-akkwist pubbliku. L-awditi tal-Kummissjoni li identifikaw proċessi ta' akkwist pubbliku irregolari u b'nuqqasijiet koprew il-qasam tal-Politika ta' Koeżjoni, u minkejja li l-impatt ta' daww in-nuqqasijiet u l-irregolaritajiet fuq il-baġit tal-Unjoni ġie kkoreġut finanzjarjament fl-applikazzjoni tar-regoli tal-politika ta' Koeżjoni, dawn juru inabbiltà sistemika, falliment jew nuqqas ta' rieda mill-awtoritajiet Ungeriżi li jipprevjenu deċiżjonijiet li jiksru l-liġi applikabbli fir-rigward tal-akkwist pubbliku u l-kunflitti ta' interess, u b'hekk li jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskji ta' korruzzjoni.

⁶⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (21) Jenħtieġ li, bi prijorità, l-programmi li jridu jiġu protetti mill-miżuri xierqa jkunu l-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027 li mistennija jiġu implimentati prinċipalment permezz tal-akkwist pubbliku b'analoġija mal-mod kif l-Ungerija implimentat il-programmi ekwivalenti taħt il-QFP 2014-2020. Dawk il-programmi huma l-Programm Operazzjonali għall-Ambjent u l-Effiċjenza Enerġetika Plus, il-Programm Operazzjonali għat-Trasport Integrat Plus u l-Programm Operazzjonali għall-Iżvilupp Territorjali u tal-Abitat Plus (il-“programmi kkonċernati”). Fir-rigward tal-programmi kkonċernati, il-livell ta' implimentazzjoni permezz tal-akkwist pubbliku huwa stmat għal minn 85 % sa 90 %.
- (22) Jenħtieġ li l-miżuri xierqa jikkonċernaw ukoll azzjonijiet taħt il-programmi tal-Unjoni implimentati b'ġestjoni diretta u indiretta, li għalihom it-trusts ta' interess pubbliku u l-entitajiet miżmuma minnhom, li jitqiesu bħala entitajiet tal-gvern fis-sens tal-Artikoli 2(b) u 5(1)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, ikunu jistgħu jkunu benefiċjarji jew entitajiet ta' implimentazzjoni. Fir-rigward tal-ksur identifikat rilevanti għat-trusts ta' interess pubbliku, jenħtieġ li l-programmi kollha tal-Unjoni implimentati b'ġestjoni diretta u indiretta jkunu fil-mira ta' din il-miżura xierqa.
- (23) F'konformità mar-rekwiżiti tal-proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, jenħtieġ li l-livell xieraq tal-miżuri li jridu jiġu applikati jiġi ddeterminat b'perċentwal li jirrifletti r-riskju riżultanti għall-baġit tal-Unjoni.
- (24) Fid-dawl tas-serjetà, il-frekwenza u d-durata tal-ksur sistemiku identifikat fl-akkwist pubbliku, ir-riskju finanzjarju għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jista' jitqies bħala sinifikanti ħafna u għalhekk, jiġġustifika miżuri b'livell għoli ħafna ta' impatt finanzjarju.
- (25) F'konformità mal-Artikolu 6(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, l-informazzjoni rċevuta u kwalunkwe kumment magħmul mill-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll l-adegwatezza ta' kwalunkwe miżura ta' rimedju proposta, iridu jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar il-miżuri xierqa. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri ta' rimedju proposti mill-Ungerija jiġu inklużi fil-valutazzjoni.
- (26) Fit-tieni tveġiba tagħha, l-Ungerija ppreżentat 17-il miżura ta' rimedju, li mbagħad ikkomplementat l-impenji tagħhom b'ittra mibgħuta lill-Kummissjoni fit-13 ta' Settembru 2022. Skont l-opinjoni tal-Ungerija, dawn jindirizzaw il-kwistjonijiet kollha mqajma mill-Kummissjoni fin-notifika (il-“miżuri ta' rimedju proposti”). Dawn il-miżuri ta' rimedju huma kif ġej:
- (a) Tisħiħ tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-illegalitajiet u l-irregolaritajiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni permezz ta' Awtorità tal-Integrità ġdida stabbilita;
 - (b) Task Force Kontra l-Korruzzjoni;
 - (c) Tisħiħ tal-Qafas Kontra l-Korruzzjoni;
 - (d) Żgurar tat-trasparenza tal-użu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku;
 - (e) Introduzzjoni ta' proċedura speċifika fil-każ ta' reati speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew il-ġestjoni ta' proprjetà pubblika;
 - (f) Tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' awditjar u kontroll biex jiġi garantit l-użu tajjeb tal-appoġġ tal-UE;

- (g) Tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'offerti waħdiena ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni;
 - (h) Tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'offerti waħdiena ffinanzjati mill-baġit nazzjonali;
 - (i) Żvilupp ta' għodda ta' rapportar ta' offerta waħdiena għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar akkwisti pubbliċi magħluqa b'offerti waħdiena;
 - (j) Żvilupp tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku biex tiżdied it-trasparenza;
 - (k) Żvilupp ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni li jivvaluta l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi;
 - (l) Adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni biex jiżdied il-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku;
 - (m) Taħriġ li jrid jiġi pprovdut għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju dwar il-prattiki tal-akkwist pubbliku;
 - (n) Twaqqif ta' skema ta' appoġġ għall-kumpens tal-ispejjeż assoċjati mal-parteeipazzjoni fl-akkwist pubbliku ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;
 - (o) Applikazzjoni tal-ARACHNE, l-għodda tal-Kummissjoni għall-kejl tar-riskju;
 - (p) Tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-OLAF;
 - (q) Adozzjoni ta' att leġislattiv li jiżgura trasparenza mtejbja tal-infiq pubbliku.
- (27) B'mod ġenerali, l-Ungerija impenjat ruħha li tieħu l-miżuri ta' rimedju proposti fit-tieni tweġiba tagħha biex tindirizza l-kwistjonijiet imqajma fin-notifika mingħajr kundizzjonijiet u li żżomm lilhom u l-leġislazzjoni relatata fis-seħħ mingħajr ebda limitu ta' żmien u li tinforza kif xieraq ir-regoli stabbiliti fihom.
- (28) Madankollu, billi l-kwistjonijiet identifikati fl-Ungerija jikkonċernaw kemm il-qafas legali kif ukoll, fil-biċċa l-kbira, il-prattiki amministrattivi, il-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-miżuri ta' rimedju proposti mill-Ungerija biex jintlaħaq l-għan tagħhom li jntemmu l-ksur u/jew ir-riskji għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni se tiddependi mill-analiżi tad-dettalji tal-miżuri u mill-implimentazzjoni korretta, sħiħa u effettiva tal-passi ewlenin ta' implimentazzjoni kif indikat fl-iskedi ta' żmien rilevanti ppreżentati mill-Ungerija fit-22 ta' Awwissu. F'dan ir-rigward, l-Ungerija għad trid tieħu passi ewlenin għal ħafna mill-miżuri ta' rimedju proposti.
- (29) L-Ungerija impenjat ruħha li tistabbilixxi Awtorità tal-Integrità ġdida li ssaħħaħ il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-illegalitajiet u l-irregolaritajiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni. Fil-miżura ta' rimedju proposta, l-Ungerija inkludiet għadd ta' elementi li f'dan l-istadju huma vvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar: (i) l-għan u l-oġġettivi tal-Awtorità tal-Integrità l-ġdida, (ii) il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tagħha u s-setgħat (estensivi), inklużi s-setgħat li tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet kontraenti biex jissospendu l-offerti, is-setgħat li titlob lill-korpi investigattivi amministrattivi jwettqu investigazzjonijiet, is-setgħat li tirrakkomanda l-esklużjoni ta' operatori ekonomiċi speċifiċi mill-finanzjament tal-Unjoni; id-dritt li titlob s'tħarriġ ġudizzjarju tad-deċizzjonijiet kollha tal-awtoritajiet li jikkonċernaw il-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolvu kwalunkwe appoġġ mill-Unjoni (u li jista' jkun soġġett għal s'tħarriġ ġudizzjarju) eċċ.; (iii) ir-regoli dwar il-ħatra tal-bord tal-Awtorità tal-Integrità u dwar l-involvement ta' "kumitat tal-eliġibbiltà" bl-għan li jiġi ggarantit li

l-Awtorità tal-Integrità tkun kompletament indipendenti. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-Integrità se sserraħ fuq il-fatti stabbiliti minn deċiżjonijiet ġudizzjarji, se tkun tista' titlob l-intervent tal-qrati, u d-deċiżjonijiet tagħha stess se jkunu soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju. Għal din ir-raġuni, l-Ungerija impenjat ruħha wkoll li l-qrati kollha fl-Ungerija li jisimgħu kawżi ċivili, amministrattivi u kriminali inklużi dawk rilevanti għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-indipendenza, l-imparzjalità u li jkunu stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-acquis rilevanti tal-UE. Il-miżura ta' rimedju proposta tinkludi skeda ta' żmien li tiddekrivi l-ewwel passi ewlenin ta' implimentazzjoni, li tmur minn Deċiżjoni tal-Gvern li titlob lill-gvern Ungeriż jippreżenta abbozz ta' leġiżlazzjoni lill-Assemblea Nazzjonali sat-30 ta' Settembru 2022 għat-twaqqif tal-Awtorità tal-Integrità (din id-Deċiżjoni tal-Gvern ġiet adottata fil-5 ta' Settembru 2022) sal-bidu tal-attivitajiet tal-Awtorità tal-Integrità fid-19 ta' Novembru 2022.

- (30) Jekk tiġi implimentata b'mod korrett u effettiv kif prevista fil-miżura ta' rimedju proposta, b'indipendenza sħiħa u setgħat effettivi fil-prattika fir-rigward tal-proċeduri kollha li jistgħu effettivament jew potenzjalment jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Awtorità tal-Integrità tista' tikkontribwixxi għal livelli oġhla ta' kompetizzjoni fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, filwaqt li tipprevjeni jew timminimizza r-riskji ta' kunflitt ta' interess, u b'mod ġenerali ttejjeb il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u irregolaritajiet oħrajn bi ksur tad-dritt tal-Unjoni fis-sistema Ungeriża tal-akkwist pubbliku, għall-benefiċċju ta' użu aktar tajjeb u effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni. Madankollu, id-dettalji u l-passi ewlenin ta' din il-miżura ta' rimedju proposta għadhom pendenti, inkluż b'mod partikolari dwar is-setgħat u l-għodod tal-Awtorità tal-Integrità biex tivverifika b'mod effettiv id-dikjarazzjonijiet tal-assi.
- (31) L-Ungerija impenjat ruħha li tistabbilixxi Task Force Kontra l-Korruzzjoni li tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni, b'mod partikolari biex tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa, strutturata u effettiva ta' atturi mhux statali attivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni flimkien mar-rappreżentanti tal-gvern. Barra minn hekk, l-Ungerija timpenja ruħha għal konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali u internazzjonali, inkluża l-Kummissjoni matul it-tħejjija tal-abbozz tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, id-dettalji u l-passi ewlenin ta' din il-miżura ta' rimedju proposta għadhom pendenti.
- (32) Il-miżura ta' rimedju proposta dwar il-qafas kontra l-korruzzjoni tinkludi l-biċċa l-kbira tal-elementi meqjusa mill-Kummissjoni bħala fundamentali biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżura, bħall-adozzjoni ta' strateġiji kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni li jkopru l-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni u l-preżentazzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni fit-terminu l-medju għall-perjodu 2020-2022, kif ukoll it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, ir-regoli bl-għan li jżidu t-trasparenza tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi u kriminali. Madankollu, id-dettalji u l-passi ewlenin ta' din il-miżura ta' rimedju proposta għadhom pendenti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-bażi tad-data msemija hawn fuq tkun aċċessibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Awtorità tal-Integrità jkollha s-setgħa li tniedi proċess ta' verifika tal-assi anki b'inizjattiva tagħha stess fil-każijiet kollha.

- (33) Fir-rigward tat-trusts ta' interess pubbliku, il-miżura ta' rimedju proposta hija fil-prinċipju kapaċi tindirizza l-kwistjonijiet imqajma, billi se tippermetti l-applikazzjoni ġeneralizzata u inkundizzjonata tar-regoli tal-akkwist pubbliku għat-trusts ta' interess pubbliku u l-entitajiet miżmuma jew ġestiti minn tali trusts (kollha kemm huma se jitlestju bħala awtoritajiet kontraenti għall-finijiet tar-regoli tal-akkwist pubbliku), u billi l-miżura se tistabbilixxi regoli ċari dwar il-kunflitt ta' interess għal tali entitajiet u l-membri tal-bord tagħhom. Madankollu, id-dettalji u l-passi ewlenin ta' din il-miżura ta' rimedju proposta għadhom pendenti.
- (34) Barra minn hekk, l-Ungerija impenjat ruħha li tistabbilixxi proċedura ġdida tal-istħarriġ ġudizzjarju, li għandha ħafna elementi pożittivi, bħall-possibbiltà li l-entitajiet ġuridiċi jifflu din il-proċedura, pożizzjoni proċedurali privileġġata garantita għall-persuna li tiddenunzja reat, referenza għall-fatt li l-kompetenza esklużiva biex tisma' l-kawżi skont il-proċedura l-ġdida se tiġi attribwita lil qorti speċjalizzata (jiġifieri l-Qorti tad-Distrett Ċentrali ta' Buda), referenza għall-fatt li l-qorti kollha u l-imħallfin investigattivi involuti fil-proċedura l-ġdida se jkunu konformi mal-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-acquis rilevanti tal-UE, u perjodu ta' żmien raġonevoli għall-proċedura b'mod ġenerali. Fl-aħħar nett, l-Ungerija impenjat ruħha li tirrieżamina l-proċedura f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Il-miżura ta' rimedju proposta hija kapaċi tindirizza l-limitazzjonijiet identifikati mill-Kummissjoni. Madankollu, id-dettalji u l-passi ewlenin ta' din il-miżura ta' rimedju proposta għadhom pendenti.
- (35) Fir-rigward tat-tħassib imqajjem dwar il-kapaċità tal-Ungerija li ttejjeb il-kontrolli tal-kunflitti ta' interess rigward l-użu tal-fondi tal-Unjoni, il-miżura ta' rimedju proposta dwar l-użu estenzjali tal-funzjonalitajiet kollha tal-ġodda unika għall-estrazzjoni tad-data u għall-kejl tar-riskju li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri (jiġifieri Arachne) għal kwalunkwe appoġġ mill-Unjoni, fil-prinċipju kapaċi tindirizza t-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni, jekk tiġi implimentata b'mod korrett. Barra minn hekk, il-miżura ta' rimedju proposta dwar it-tisħiħ tal-mekkaniżmi tal-awditjar u tal-kontroll biex jiġi ggarantit l-użu tajjeb tal-appoġġ mill-Unjoni tindirizza wkoll it-tħassib imqajjem, jekk tiġi implimentata b'mod korrett u f'waqtha, billi tippermetti l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet biex jissaħħu r-regoli u l-proċeduri biex jiġi evitat, identifikat u kkoreġut b'mod aktar effettiv il-kunflitt ta' interess fl-użu tal-fondi tal-Unjoni, inkluż mekkaniżmu ta' kontroll effettiv fuq il-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess. Madankollu, id-dettalji u l-passi ewlenin ta' dawn il-miżuri ta' rimedju proposti għadhom pendenti.
- (36) Barra minn hekk, il-miżuri ta' rimedju proposti li għandhom l-għan li jindirizzaw l-irregolaritajiet, in-nuqqasijiet u d-dgħufijiet sistemiċi fl-akkwist pubbliku huma vvalutati pożittivament mill-Kummissjoni. Madankollu, xi wħud mill-miżuri, f'dan l-istadju għadhom jidhru li mhumiex dettaljati biżżejjed f'ċerti aspetti, u l-passi ewlenin tagħhom għadhom ma ttiħdux. Għalhekk, ma jistgħux jitlestju bħala adegwati biżżejjed biex jindirizzaw il-kwistjonijiet imqajma fil-proċedura skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092. Fuq il-bażi ta' dan, hija meħtieġa l-adozzjoni tal-miżuri xierqa skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092.
- (37) Il-miżura ta' rimedju proposta dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-OLAF kapaċi tindirizza l-limitazzjonijiet identifikati mill-Kummissjoni, billi se taħtar awtorità nazzjonali kompetenti biex tassisti lill-OLAF fit-twettiq ta' verifiki fil-post fl-Ungerija meta operatur ekonomiku soġġett għal dawk il-kontrolli jirrifjuta li jikkoopera. Hija tintroduċi wkoll sanzjoni dissuaziva tat-tip finanzjarju li tiġi

imposta f'każ li operatur ekonomiku jirrifjuta li jikkoopera mal-OLAF għall-finijiet tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet fil-post tal-OLAF. Madankollu, id-dettalji u l-passi ewlenin ta' din il-miżura ta' rimedju proposta għadhom pendenti.

- (38) Il-miżuri ta' rimedju proposti, meħuda flimkien, fil-prinċipju kapaċi jindirizzaw il-kwistjonijiet rigward l-irregolaritajiet sistemiċi, in-nuqqasijiet u d-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku, ir-riskji ta' kunflitti ta' interess, u t-tħassib dwar "trusts ta' interess pubbliku", kif ukoll ir-raġunijiet addizzjonali rigward l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-qafas kontra l-korruzzjoni, dment li l-miżuri kollha jiġu implimentati b'mod korrett u effettiv
- (39) Madankollu, ir-regoli dettaljati ta' implimentazzjoni għall-miżuri ta' rimedju proposti għad iridu jiġu ddeterminati, b'mod partikolari kif l-elementi ewlenin tal-miżuri se jiġu trasposti fit-testi legali attwali li jridu jiġu adottati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rimedju. Minħabba li bosta mill-kwistjonijiet identifikati fl-Ungerija mhumex biss dwar bidliet fil-qafas legali, iżda b'mod aktar prominenti dwar l-implimentazzjoni konkreta tal-bidliet fil-prattika, b'din tal-aħħar tirrikjedi perjodu ta' żmien aktar estiż biex tagħti riżultati konkreti, sakemm jiġu implimentati mill-inqas l-elementi ewlenin ta' xi wħud mill-miżuri ta' rimedju f'dan l-istadju, kif indikat fl-iskedi ta' żmien tal-miżuri ta' rimedju ppreżentati mill-Ungerija fit-22 ta' Awwissu, għad hemm riskju għall-baġit tal-Unjoni. Sakemm jidħlu fis-seħħ it-testi leġislattivi ewlenin li jimplimentaw ħafna mill-miżuri ta' rimedju proposti u filwaqt li titqies il-valutazzjoni ta' hawn fuq, kif ukoll il-possibbiltà li l-miżuri jistgħu ma jiġux implimentati b'mod korrett, jew li l-effettività tagħhom tiddgħajef fid-dettalji tal-miżuri, stima raġonevoli tal-livell ta' riskju għall-baġit tal-Unjoni attwalment tikkorrispondi għal 65 % tal-programmi kkonċernati, jiġifieri 5 punti perċentwali inqas mir-riskju stmat fin-nuqqas ta' miżuri ta' rimedju.
- (40) Billi l-livell ta' 65 % tal-programmi kkonċernati jista' jitqies bħala approssimazzjoni raġonevoli tal-impatt fuq il-baġit tal-Unjoni jew tar-riskji serji għalih, filwaqt li jitqiesu l-miżuri ta' rimedju ppreżentati, sospensjoni ta' [65 % tal-impenji fil-programmi kkonċernati tkun miżura proporzjonata.
- (41) [Formulazzjoni alternattiva f'każ li l-programmi kkonċernati ma jkunux ġew approvati fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni: Minħabba li l-programmi kkonċernati għadhom ma ġewx approvati, l-unika miżura xierqa possibbli li tista' tiġi adottata skont l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 hija s-sospensjoni tal-approvazzjoni ta' programm wieħed jew aktar. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li s-sospensjoni tal-approvazzjoni ta' programm wieħed jew aktar tkun proporzjonata mar-riskju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni].
- (42) Fir-rigward tal-ksur identifikat fir-rigward tat-trusts ta' interess pubbliku, l-eċċezzjoni ġenerali mir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess u n-nuqqas ta' trasparenza jista' jkollhom impatt fuq kwalunkwe baġit li jistgħu jimplimentaw jew jiġġestixxu dawn it-trusts ta' interess pubbliku u kwalunkwe entità miżmuma minnhom. L-Ungerija impenjat ruħha fil-miżuri ta' rimedju proposti tagħha biex tindirizza t-tħassib kollu tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Fid-dawl ta' dan l-impatt u sakemm tidħol fis-seħħ il-leġislazzjoni Ungeriża korrispondenti, il-baġit tal-Unjoni jista' jiġi protett bl-aħjar mod permezz ta' projbizzjoni milli tidħol f'impenji legali ġodda ma' kwalunkwe trust ta' interess pubbliku u ma' kwalunkwe entità miżmuma minnhom taħt kwalunkwe programm b'ġestjoni diretta jew indiretta.

- (43) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, din id-Deċiżjoni ma taffettwax l-obbligi tal-Ungerija li timplimenta l-programmi u l-fondi kkonċernati mid-Deċiżjoni, u b'mod partikolari l-obbligi tagħha lejn ir-riċevituri jew il-benefiċjarji finali, inkluż l-obbligu li tagħmel pagamenti skont ir-regoli speċifiċi għas-settur jew finanzjarji applikabbli. L-Ungerija trid tirrapporta dwar il-konformità tagħha ma' daww l-obbligi lill-Kummissjoni kull tliet xhur mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (44) Jenħtieġ li l-Ungerija tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rimedju li impenjat ruħha għalihom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

- (1) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 huma ssodisfati għall-adozzjoni ta' miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija.
- (2) Il-miżuri ta' rimedju proposti mill-Ungerija fuq il-bażi tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, mhumiex kompletament adegwati biex jindirizzaw il-konstatazzjonijiet stabbiliti fin-notifika tal-Kummissjoni mibgħuta lill-Ungerija fis-27 ta' April 2022.

Artikolu 2

- (1) Ħamsa u sittin fil-mija tal-impenji baġitarji taħt il-programmi operazzjonali li ġejjin fil-Politika ta' Koeżjoni għandhom jiġu sospiżi:
- (a) il-Programm Operazzjonali għall-Ambjent u l-Effiċjenza Enerġetika Plus;
 - (b) il-Programm Operazzjonali għat-Trasport Integrat Plus;
 - (c) il-Programm Operazzjonali għall-Iżvilupp Territorjali u tal-Abitat Plus.

Formulazzjoni alternattiva f'każ li l-programmi identifikati ma jkunux ġew approvati mill-Kummissjoni fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni mill-Kunsill

L-approvazzjoni tal-programmi li ġejjin għandha tiġi sospiża: il-Programm Operazzjonali għall-Ambjent u l-Effiċjenza Enerġetika Plus u/jew il-Programm Operazzjonali għat-Trasport Integrat Plus u/jew l-Programm Operazzjonali għall-Iżvilupp Territorjali u tal-Abitat Plus.

- (2) Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni b'ġestjoni diretta jew indiretta skont l-Artikolu 62(1) il-punti (a) u (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹, ma għandu jittieħed l-ebda impenn legali ma' ebda trust ta' interess pubbliku stabbilit fuq il-bażi tal-Att Ungeriż IX tal-2021 jew ma' ebda entità miżmuma minn tali trust ta' interess pubbliku.

⁶¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Artikolu 3

L-Ungerija għandha tinforma lill-Kummissjoni sad-19 ta' Novembru 2022, u kull tliet xhur minn hemm 'il quddiem dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rimedju li l-Ungerija tkun impenjat ruħha għalihom bit-tieni tweġiba tagħha tinkludi l-impenji addizzjonali inklużi fl-ittra tat-13 ta' Settembru 2022.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*